

Opinjoni tal-Bord (Artikolu 64)



**Opinjoni 11/2024 dwar l-użu tar-rikonoxximent tal-wiċċ
biex jiġi ssimplifikat il-fluss tal-passiġġieri fl-ajruporti
(kompatibbiltà mal-Artikoli 5(1)(e) u (f), 25 u 32 tal-GDPR)**

Verżjoni 1.1

Adottata fit-23 ta' Mejju 2024

Translations proofread by EDPB Members.
This language version has not yet been proofread.

Verżjoni 1.1	it-28 ta' Mejju 2024	Korrezzjoni grammatikali fis-Sommarju eżekuttiv (il-paġni 3 u 4) u l-punti 77 u 90 tal-Opinjoni
Verżjoni 1.0	it-23 ta' Mejju 2024	Adozzjoni tal-Opinjoni

Sommarju eżekuttiv

L-Awtorità Superviżorja Franċiża talbet lill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* biex joħroġ opinjoni dwar l-użu tat-teknoloġija tar-rikonoxximent tal-wiċċ mill-operaturi tal-ajruporti u mill-kumpaniji tal-ajru għall-awtentikazzjoni permezz tal-bijometrija jew għall-identifikazzjoni tal-passiġġieri biex jiġi ssimplifikat il-fluss tal-passiġġieri fl-ajruporti.

Bħala rimarka preliminari, il-Bord ifakkar li l-użu tad-*data* bijometrika u b'mod partikolari t-teknoloġija tar-rikonoxximent tal-wiċċ jinvolvi riskji akbar għad-drittijiet u għal-libertajiet tas-suġġetti tad-*data*. Dan jikkonċerna l-ipproċessar tad-*data* bijometrika li tingħata protezzjoni speċjali skont l-Artikolu 9 tal-GDPR. Qabel ma jużaw teknoloġiji bħal dawn, anke kieku kellhom jitqiesu partikolarment effettivi, il-kontrolluri jenħtieġ li jivvalutaw l-impatt fuq id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġetti tad-*data* u jikkunsidraw jekk mezzu inqas intrużivi jistgħux jiksbu l-għan leġittimu tal-ipproċessar tagħhom.

Skont it-talba, il-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-Opinjoni, huwa limitat għall-kompatibbiltà tal-ipproċessar mal-**Artikolu 5(1)(e) u (f), u mal-Artikoli 25 u 32 tal-GDPR** għall-**iskop speċifiku tas-simplifikazzjoni tal-fluss tal-passiġġieri fl-ajruporti** f'erba' punti ta' kontroll speċifiċi, jiġifieri fil-punti ta' kontroll tas-sigurtà, fil-post fejn jitħallew il-bagalji, fl-imbark u fl-aċċess għas-sala tal-passiġġieri. Din l-Opinjoni ma tinkludix analiżi sħiħa u kompluta dwar il-konformità mal-GDPR mill-kontrollur(i) rilevanti f'kull każ, kif ukoll mill-proċessur(i) tagħhom, jekk applikabbli. Għaldaqstant, din l-Opinjoni hija mingħajr preġudizzju għal analiżi legali u teknika każ b'każ ibbażata fuq l-ipproċessar u ċ-ċirkostanzi speċifiċi previsti ta' kontrollur. Barra minn hekk, l-analiżi tal-bażi legali applikabbli ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-mistoqsijiet sottomessi lill-Bord fit-talba u b'riżultat ta' dan, f'konformità mal-Artikoli 6, 7 u 9 tal-GDPR, il-validità tal-kunsens għal tali pproċessar, ma hijiex eżaminata f'din l-Opinjoni. Barra minn hekk, din l-Opinjoni hija mingħajr preġudizzju għar-restrizzjonijiet fuq l-użu ta' *data* bijometrika stabbiliti skont il-liġi tal-Istati Membri.

F'din l-Opinjoni, il-Bord jivvaluta l-konformità tal-ipproċessar mad-dispożizzjonijiet tal-GDPR imsemmija hawn fuq fil-kuntest ta' **erba' xenarji speċifiċi**.

L-ewwel xenarju jinvolvi l-ħżin ta' mudell bijometriku rreġistrat f'idejn l-individwu, pereżempju, fuq l-apparat individwali tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu biss sabiex jawtentika (tqabbil 1:1) lill-passiġġier hekk kif jgħaddi mill-punti ta' kontroll tal-ajruport imsemmija hawn fuq.

Il-Bord jikkonkludi li l-miżuri magħżula jistgħu jitqiesu li ssodisfaw il-prinċipju tan-neċessità jekk il-kontrollur ikun jista' juri li ma hemmx soluzzjonijiet alternattivi inqas intrużivi li jistgħu jilħqu l-istess objettiv b'mod effettiv. Barra minn hekk, l-intrużività tal-ipproċessar tista' tiġi kontrobalanċjata bl-involvement attiv tal-passiġġieri peress li l-mudell bijometriku tagħhom jinħażen f'idejhom biss, pereżempju, fuq l-apparat individwali tagħhom, taħt il-kontroll tagħhom biss u d-*data* tagħhom titħassar ftit wara li jitlesta t-tqabbil. Abbażi ta' dan, il-Bord jikkonkludi li l-ipproċessar previst fl-ewwel xenarju **fil-prinċipju jista' jitqies kompatibbli mal-Artikoli 5(1)(f), 25 u 32 tal-GDPR** soġġett għall-implimentazzjoni ta' salvagwardji xierqa.

Il-Bord identifika salvagwardji li bħala minimu jenħtieġ li jiġu implimentati għal soluzzjoni simili għall-ewwel xenarju.

It-**tieni xenarju** jinvolvi l-ħżin ċentralizzat, fl-ajruport, ta' mudell bijometriku rreġistrat f'forma kriptata bi kġavi/b'sigriet f'idejn il-passiġġier biss. Dan jippermetti l-awtentikazzjoni tal-passiġġieri (tqabbil 1:1) hekk kif jgħaddi mill-punti ta' kontroll tal-ajruport imsemmija hawn fuq. Ir-reġistrazzjoni hija valida

għal perjodu partikolari, li, pereżempju, jista' jkun sa sena wara li tkun saret l-aħħar titjira sad-data tal-iskadenza tal-passaport.

Il-Bord jikkonkludi li l-ipproċessar jista' jitqies li ssodisfa l-prinċipju tan-neċessità jekk il-kontrollur ikun jista' juri li ma hemmx soluzzjonijiet alternattivi inqas intrużivi li jistgħu jilhq u l-istess objettiv b'mod effettiv. Barra minn hekk, l-intrużività tal-ipproċessar tista' tiġi kontrobilanċjata bl-involvement attiv tal-passiġġier peress li għandu taħt il-kontroll tiegħu biss il-kjavi/is-sigriet għad-*data* bijometrika kriptata tiegħu. Jekk wieħed jassumi li l-kontrollur jimplementa salvagwardji xierqa, ir-riskji għas-sigurtà mill-użu ta' bażi tad-*data* ċentralizzata f'dan ix-xenarju jistgħu jittaffew u l-impatt negattiv fuq id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġetti tad-*data* jista' jitqies proporzjonali għall-benefiċċju antiċipat. Rigward il-prinċipju tal-limitazzjoni tal-ħżin, ma ngħatat l-ebda informazzjoni lill-Bord biex jissostanzja l-perjodu twil ta' ħżin. Sabiex tinkiseb kompatibbiltà mal-Artikolu 5(1)(e) tal-GDPR f'dan ix-xenarju, il-kontrolluri għandhom ikunu jistgħu jiġġustifikaw għaliex il-perjodu taż-żamma previst huwa meħtieġ għall-iskop f'każijiet speċifiċi. Il-Bord jirrakkomanda li l-kontrolluri jipprevedu l-iqsar perjodu tal-ħżin possibbli filwaqt li joffru lill-passiġġieri l-għażla li jistabbilixxu l-perjodu tal-ħżin preferut tagħhom. Abbażi ta' dan, il-Bord jikkonkludi li l-ipproċessar previst fix-xenarju 2 **fil-prinċipju jista' jitqies kompatibbli mal-Artikoli 5(1)(e), 5(1)(f), 25 u 32 tal-GDPR**, soġġett għall-implimentazzjoni ta' salvagwardji xierqa.

Il-Bord identifika salvagwardji li bħala minimu jenħtieġ li jiġu implimentati għal soluzzjoni simili għat-tieni xenarju.

It-**tielet xenarju** jinvolti l-ħżin ċentralizzat ta' mudell bijometriku rreġistrat f'forma kriptata fl-ajruport taħt il-kontroll tal-operatur tal-ajruport. Dan jippermetti l-identifikazzjoni tal-passiġġieri (tqabbil ta' 1:N), hekk kif jipproċedu għall-punti ta' kontroll tal-ajruport imsemmija hawn fuq. Il-perjodu tal-ħżin f'dan ix-xenarju huwa tipikament ta' 48 siegħa u d-*data* titħassar ladarba l-ajruplan ikun telaq.

Peress li l-ħżin tal-ID u tad-*data* bijometrika jinsab f'bażi tad-*data* ċentrali, jekk il-kunfidenzjalità tal-baży tad-*data* tiġi kompromessa, dan jista' sussegwentement jinvolti aċċess għas-sett kollu tad-*data* u jista' jippermetti l-identifikazzjoni mhux awtorizzata jew illegali tal-passiġġieri f'ambjenti oħra. L-arkitettura tal-ħżin ċentralizzata taħt il-kontroll tal-operatur tal-ajruport twassal ukoll biex il-passiġġier jitlef aktar il-kontroll tad-*data* tiegħu. Il-Bord iqis li riżultat simili għas-simplifikazzjoni tal-fluss tal-passiġġieri fl-ajruporti jista' jinkiseb b'mod inqas intrużiv u l-impatt negattiv fuq id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġetti tad-*data* li jirriżultaw minn ksur tad-*data* f'baży tad-*data* ċentralizzata ta' *data* bijometrika jidher li jegħleb il-benefiċċju antiċipat li jirriżulta mill-ipproċessar. Għalhekk, l-ipproċessar ma jistax jissodisfa l-prinċipji tan-neċessità u tal-proporzjonalità. Fuq din il-baży, il-Bord jikkonkludi li l-ipproċessar previst fit-tielet xenarju **ma jistax ikun kompatibbli mal-Artikolu 25 tal-GDPR**. Barra minn hekk, **ma jikkonformax mal-Artikoli 5(1)(f) u 32 tal-GDPR** jekk kontrollur jillimita lilu nnifsu għall-miżuri kif deskritti f'dan ix-xenarju.

Ir-**raba' xenarju** jinvolti l-ħżin ċentralizzat ta' mudell bijometriku rreġistrat f'forma kriptata fil-cloud taħt il-kontroll tal-kumpanija tal-ajru jew tal-fornitur tas-servizz tal-cloud tagħha. Dan jippermetti l-identifikazzjoni tal-passiġġieri (tqabbil 1:N) hekk kif jgħaddu mill-punti ta' kontroll tal-ajruport imsemmija hawn fuq. Il-perjodu tal-ħżin f'dan ix-xenarju jista' potenzjalment ikun sakemm il-klijent ikollu kont mal-kumpanija tal-linja tal-ajru.

Peress li l-ħżin tal-ID u tad-*data* bijometrika jinsab f'baży tad-*data* ċentrali fil-cloud, diversi entitajiet jista' jkollhom aċċess għal tali *data*, inklużi fornituri possibbilment mhux taż-ŻEE. Id-*data* tal-passiġġier tiġi decriptata meta tintuża u l-kjavi jkunu taħt il-kontroll tal-kumpanija tal-ajru jew tal-proċessuri tagħha, li jista' jżid is-superfiċje tal-iskopertura għas-sigurtà. Tali arkitettura ċentralizzata għall-ħżin

twassal ukoll biex il-passiġġieri jtilfu l-kontroll tad-*data* tagħhom aktar. Id-*data* tista' tinħażen ukoll għal perjodu ta' żmien sinifikanti, li jesponi d-*data* għal riskji ogħla ta' ksur tas-sigurtà u jidher li jmur lil hinn minn dak li huwa strettament meħtieġ u proporzjonat għall-finijiet tal-ipproċessar, sakemm ma jittiddux aktar miżuri apparenti biex jittaffew ir-riskji għall-individwi.

Il-Bord iqis li riżultat simili għas-simplifikazzjoni tal-fluss tal-passiġġieri fl-ajruporti jista' jinkiseb b'mod inqas intrużiv u l-impatt negattiv fuq id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġetti tad-*data* li jista' jirriżulta minn ksur tad-*data* f'bażi tad-*data* ċentralizzata ta' *data* bijometrika jidher li jegħleb il-benefiċċju antiċipat li jirriżulta mill-ipproċessar. Għalhekk, l-ipproċessar ma jistax jissodisfa l-prinċipji tan-neċessità u tal-proporzjonalità. Fuq din il-bażi, il-Bord jikkonkludi li l-ipproċessar previst fir-raba' xenarju **ma jistax ikun kompatibbli mal-Artikolu 25 tal-GDPR**. Barra minn hekk, **ma tikkonformax mal-Artikolu 5(1)(e) tal-GDPR** abbażi tal-informazzjoni disponibbli għall-Bord u **ma tikkonformax mal-Artikoli 5(1)(f) u 32 tal-GDPR** jekk kontrollur jillimita lilu nnifsu għall-miżuri kif deskritti f'dan ix-xenarju.

Werrej

1	INTRODUZZJONI.....	6
1.1	Fatti fil-qosor	6
1.2	Ammissibbiltà tat-talba għal Opinjoni skont l-Artikolu 64(2) tal-GDPR.....	8
2	KAMP TA' APPLIKAZZJONI U KUNTEST TAL-OPINJONI.....	9
2.1	Kamp ta' applikazzjoni tal-Opinjoni	9
2.2	Kunċetti ewlenin.....	12
3	Fuq il-merti tat-talba.....	14
3.1	Osservazzjonijiet ġenerali.....	14
3.2	Dwar il-kompatibbiltà mal-Artikolu 5(1)(e) u (f), l-Artikoli 25 u 32 tal-GDPR.....	16
3.2.1	Xenarju 1: il-ħżin ta' mudell bijometriku rreġistrat f'idejn l-individwu biss, għall-awtentikazzjoni	16
3.2.2	Xenarju 2: ħżin ċentralizzat ta' mudell bijometriku rreġistrat f'forma kriptata fl-ajruport u bi kjavi/b'sigriet f'idejn il-passiġġieri biss, għall-awtentikazzjoni.....	24
3.2.3	Ħżin ċentralizzat tal-mudelli bijometriċi rreġistrati għall-identifikazzjoni.....	29
3.2.3.1	<i>Xenarju 3.1: ħżin ċentralizzat f'bażi tad-data fl-ajruport, taħt il-kontroll tal-operatur tal-ajruport.....</i>	<i>29</i>
3.2.3.2	<i>Xenarju 3.2: ħżin ċentralizzat fi cloud, taħt il-kontroll tal-kumpanija tal-ajru</i>	<i>34</i>
4	KONKLUŻJONIJIET	36

Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Wara li kkunsidra l-Artikolu 63 u l-Artikolu 64(2) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE, (minn hawn 'il quddiem "**GDPR**"),

Wara li kkunsidra l-Ftehim ŻEE u b'mod partikolari l-Anness XI u l-Protokoll 37 tiegħu, kif emendati bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE 154/2018 tas-6 ta' Lulju 2018¹,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 10 u l-Artikolu 22 tar-Regoli ta' Proċedura (minn hawn 'il quddiem "**RP tal-EDPB**") tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (minn hawn 'il quddiem il-"**Bord**" jew il-"**EDPB**"),

Billi:

(1) Ir-rwol ewlieni tal-Bord huwa li jiżgura l-applikazzjoni konsistenti tal-GDPR fiż-Żona Ekonomika Ewropea kollha (minn hawn 'il quddiem "**iż-ŻEE**"). L-Artikolu 64(2) tal-GDPR jipprevedi li kwalunkwe awtorità superviżorja (minn hawn 'il quddiem "**AS**"), il-President tal-Bord jew il-Kummissjoni Ewropea tista' titlob li kwalunkwe kwistjoni ta' applikazzjoni ġenerali jew li tipproduċi effetti f'aktar minn Stat Membru wieħed taż-ŻEE tiġi eżaminata mill-Bord biex tinkiseb opinjoni.

(2) L-opinjoni tal-Bord għandha tiġi adottata skont l-Artikolu 64(3) tal-GDPR flimkien mal-Artikolu 10(2) tar-RP tal-EDPB fi żmien 8 ġimgħat minn meta l-President u l-AS kompetenti jkunu ddeċidew li l-fajl huwa komplut. Fuq id-deċiżjoni tal-President, dan il-perjodu jista' jiġi estiż b'6 ġimgħat oħra, filwaqt li tittieħed inkunsiderazzjoni l-kumplessità tas-suġġett.

adotta l-opinjoni li ġejja:

1 INTRODUZZJONI

1.1 Fatti fil-qosor

1. Fis-16 ta' Frar 2024, l-Awtorità Superviżorja Franċiża (minn hawn 'il quddiem l-"**AS Franċiża**") talbet lill-Bord joħroġ opinjoni dwar il-kompatibbiltà mal-Artikolu 5(1)(e) u (f), u mal-Artikoli 25 u 32 tal-GDPR tal-użu tat-teknoloġija tar-rikonossiment tal-wiċċ mill-operaturi tal-ajruporti u mill-kumpaniji tal-ajru għall-awtentikazzjoni jew l-identifikazzjoni tal-passiġġieri permezz tal-bijometrija, sabiex jiġi ssimplifikat il-fluss tal-passiġġieri², fil-punti ta' kontroll tas-sigurtà tal-ajruporti³, fil-post fejn jitħallew il-bagalji, fl-imbark, u fl-aċċess għas-sala tal-passiġġieri (esklużi l-kontrolli fil-fruntieri u l-verifiki

¹ Ir-referenzi għal "**Stati Membri**" li saru f'din l-Opinjoni jenħteġ li jinftiehem bħala referenzi għal "Stati Membri taż-ŻEE". Ir-referenzi għal-"Unjoni" jew għal-"UE" li saru f'din l-opinjoni jenħteġ li jinftiehem bħala referenzi għaż-ŻEE".

² Fil-kuntest ta' din l-Opinjoni, "**passiġġier**" tfisser suġġett tad-*data*, li d-*data* personali tiegħu tiġi pproċessata għall-iskop speċifiku deskritt f'din l-Opinjoni. Minn hawn 'il quddiem f'din l-Opinjoni, it-termini "passiġġier" u "individwu" jintużaw b'mod interkambjabbli.

³ Għall-finijiet ta' din l-Opinjoni, "**punti ta' kontroll tas-sigurtà tal-ajruport**" tirreferi għall-kontrolli tas-sigurtà mwettqa taħt ir-responsabbiltà tal-operatur tal-ajruport li l-passiġġieri jridu jgħaddu minnu, sabiex jidħlu mis-sala tat-tluq għaż-żona tal-imbark jew għall-bieb tal-imbark.

mwettqa mill-ħwienet mingħajr dazju) (minn hawn 'il quddiem it-**"Talba"**). Mat-Talba tagħha l-AS Franċiża hemżet deskrizzjoni tal-każijiet ta' użu tipiċi (l-Anness I).

2. Fit-Talba tagħha, l-AS Franċiża tosserva li l-mudelli li bħalissa qed jiġu ttestjati f'diversi ajruporti tal-UE jvarjaw minn Stat Membru għall-ieħor, u b'hekk possibbilment joħolqu riskju ta' diverġenza bejn l-interpretazzjonijiet fost l-AS u riskju li jiġu prodotti effetti differenti fuq id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġetti tad-*data* fl-UE⁴.
3. Il-Bord iqis li, sabiex tingħata tweġiba għat-Talba, jeħtieġ li jitwieġbu l-mistoqsijiet li ġejjin:
4. **Mistoqsija 1:**

1.1. Jista' l-użu tat-teknoloġija tar-rikonoxximent tal-wiċċ għall-awtentikazzjoni bl-użu tal-bijometrika **għall-iskop speċifiku li jiġi ssimplifikat il-fluss tal-passiġġieri fl-ajruporti** (il-punti ta' kontroll tas-sigurtà, il-post fejn jitħallew il-bagalji, l-imbark u l-aċċess għas-sala tal-passiġġieri) ikun kompatibbli mal-**Artikolu 5(1)(f), mal-Artikoli 25 u 32 tal-GDPR**, fil-każ ta' arkitettura tal-ħżin, fejn il-mudell bijometriku ta' kull passiġġier jinħażen **biss f'idejn l-individwu**, eż. lokalment fuq l-apparat individwali tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu biss?

1.2. Jekk tali pproċessar jinstab kompatibbli mad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq, liema salvagwardji minimi xierqa jkunu meħtieġa, fid-dawl tal-Artikoli 25 u 32 tal-GDPR?

Mistoqsija 2:

2.1. Jista' l-użu tat-teknoloġija tar-rikonoxximent tal-wiċċ għall-awtentikazzjoni jew għall-identifikazzjoni permezz tal-bijometrija **għall-iskop speċifiku ta' simplifikazzjoni tal-fluss tal-passiġġieri fl-ajruporti** (il-punti ta' kontroll tas-sigurtà, il-post fejn jitħallew il-bagalji, l-imbark u l-aċċess għas-sala tal-passiġġieri) ikun kompatibbli mal-**Artikolu 5(1)(e) u (f), u mal-Artikoli 25 u 32 tal-GDPR** fil-każ ta' arkitettura tal-ħżin **ċentralizzata**, fejn il-mudell bijometriku ta' kull passiġġier jinħażen f'bażi tad-*data* ċentrali:

2.1.1. F'bażi tad-*data* ċentrali fl-ajruport, taħt il-kontroll tal-operatur tal-ajruport, f'forma kriptata, bi kjavi/b'sigriet miżmum biss f'idejn l-individwu (pereżempju fil-mowbajl tal-individwu), għall-awtentikazzjoni?

2.1.2. Jekk tali pproċessar jinstab kompatibbli, liema salvagwardji minimi xierqa jkunu meħtieġa, fid-dawl tal-Artikoli 25 u 32 tal-GDPR?

2.2.1. F'bażi tad-*data* ċentrali fl-ajruport, taħt il-kontroll tal-operatur tal-ajruport, f'forma kriptata, bil-kjavi miżmuma mill-operatur tal-ajruport, għall-identifikazzjoni?

2.2.2. Jekk tali pproċessar jinstab kompatibbli, liema salvagwardji minimi xierqa jkunu meħtieġa, fid-dawl tal-Artikoli 25 u 32 tal-GDPR?

2.3.1. Fil-cloud, taħt il-kontroll tal-kumpanija tal-ajru jew tal-fornitur tas-servizz tagħha (proċessur), f'forma kriptata, bil-kjavi miżmuma mill-kumpanija tal-ajru jew mill-fornitur tas-servizz tagħha, għall-identifikazzjoni?

⁴ Talba, p. 1.

2.3.2. Jekk tali pproċessar jinstab kompatibbli, liema salvagwardji minimi xierqa jkunu meħtieġa, fid-dawl tal-Artikoli 25 u 32 tal-GDPR?

5. Wara li l-AS Franċiża qieset li l-fajl kien komplut fis-16 ta' Frar 2024 u l-President tal-Bord ikkunsidra l-fajl bħala komplut fit-23 ta' Frar 2024, il-fajl ġie ċċirkolat mis-Segretarjat fit-23 ta' Frar 2024. Il-President tal-Bord iddeċieda, f'konformità mal-Artikolu 64(3) tal-GDPR flimkien mal-Artikolu 10(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-EDPB, li jestendi l-iskeda ta' żmien prestabbilita ta' tmien ġimgħat b'6 ġimgħat oħra minħabba l-kumplessità tas-suġġett.

1.2 Ammissibbiltà tat-talba għal Opinjoni skont l-Artikolu 64(2) tal-GDPR

6. L-Artikolu 64(2) tal-GDPR jipprevedi li, b'mod partikolari, kwalunkwe AS tista' titlob li kwalunkwe kwistjoni ta' applikazzjoni ġenerali jew li tipproduċi effetti f'aktar minn Stat Membru wieħed tiġi eżaminata mill-Bord bil-ħsieb li tinkiseb opinjoni.
7. Il-Bord iqis li t-talba msemmija mill-AS Franċiża dwar il-kompatibbiltà tal-użu tat-teknoloġija tar-rikonoxximent tal-wiċċ għall-awtentikazzjoni jew l-identifikazzjoni permezz tal-bijometrija għall-iskop speċifiku tas-simplifikazzjoni tal-fluss tal-passiġġieri fl-ajruporti hija relatata ma' mistoqsijiet "li jipproduċu effetti f'aktar minn Stat Membru wieħed", għaliex, kif spjegat fit-Talba⁵, bħalissa hemm diversi proġetti li qed jiġu implimentati fl-ajruporti tal-Istati Membri, u huwa stmat li tali użu se jiżdied fis-snin li ġejjin. Il-mudelli li bħalissa qed jiġu ttestjati minn ajruporti u minn linji tal-ajru differenti jvarjaw b'mod sinifikanti minn Stat Membru għall-ieħor, u b'hekk possibbilment joħolqu riskju li, minn perspettiva tal-protezzjoni tad-*data*, jiġu prodotti effetti diverġenti f'aktar minn Stat Membru wieħed.
8. Barra minn hekk, il-Bord iqis li t-Talba msemmija mill-AS Franċiża għandha konsegwenzi importanti għall-applikazzjoni tal-prinċipji stabbiliti skont l-Artikolu 5(1)(e) u (f) tal-GDPR, u r-rekwiżiti applikabbli għall-kontrolluri skont l-Artikolu 25 tal-GDPR, kif ukoll ir-rekwiżiti applikabbli għall-kontrolluri u għall-proċessuri skont l-Artikolu 32 tal-GDPR. Għaldaqstant, din it-talba tikkonċerna "kwistjoni ta' applikazzjoni ġenerali" skont it-tifsira tal-Artikolu 64(2) tal-GDPR, peress li hija relatata mal-interpretazzjoni konsistenti tal-prinċipji ta' limitazzjoni tal-ħżin (l-Artikolu 5(1)(e) tal-GDPR) u l-integrità u l-kunfidenzjalità (l-Artikolu 5(1)(f) tal-GDPR), u l-kunċetti ta' protezzjoni tad-*data* mid-disinn u b'mod awtomatiku (l-Artikolu 25 tal-GDPR) u s-sigurtà tad-*data* (l-Artikolu 32 tal-GDPR) biex tiġi żgurata, fost l-oħrajn, l-applikazzjoni konsistenti ta' dawk id-dispożizzjonijiet fiż-ŻEE.
9. Kwalunkwe pożizzjoni diverġenti possibbli madwar l-Istati Membri dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 5(1)(e) u (f), u l-Artikoli 25 u 32 tal-GDPR tamplifika r-riskju li l-operaturi tal-ajru u l-kumpaniji tal-ajru jiżviluppaw proġetti ta' rikonoxximent tal-wiċċ b'mod mhux konsistenti. Peress li l-AS Franċiża wriet il-ħtieġa ċara għal interpretazzjoni konsistenti ta' dawn id-dispożizzjonijiet fir-rigward tat-teknoloġija tar-rikonoxximent tal-wiċċ għall-awtentikazzjoni jew għall-identifikazzjoni tal-passiġġieri permezz tal-bijometrija, sabiex jiġi ssimplifikat il-fluss tal-passiġġieri fl-ajruporti⁶, il-Bord iqis li t-Talba hija motivata, f'konformità mal-Artikolu 10(3) tar-Regoli ta' Proċedura tal-EDPB.
10. Skont l-Artikolu 64(3) tal-GDPR, l-EDPB ma għandux joħroġ opinjoni jekk ikun diġà ħareġ opinjoni dwar il-kwistjoni⁷. L-EDPB għadu ma pprovdix tweġibiet għall-mistoqsijiet li jirriżultaw mit-Talba.

⁵ Talba, p. 3.

⁶ Talba, p. 1–3.

⁷ L-Artikolu 64(3) tal-GDPR u l-Artikolu 10(4) tar-Regoli ta' Proċedura tal-EDPB.

Għalkemm il-Linji Gwida 3/2019 tal-EDPB dwar l-apparat video⁸ diġà jipprovdu xi elementi utli dwar il-miżuri ta' sigurtà jenħtieġ li jiġu applikati għall-ipproċessar ta' *data* bijometrika, dawn ma jindirizzawx l-aspetti kollha rigward il-mistoqsijiet imqajma fit-Talba. Barra minn hekk, il-gwida disponibbli tal-EDPB, inklużi l-Linji Gwida 3/2019 tal-EDPB dwar l-apparat video, ma tipprovdux gwida speċifika dwar elementi possibbli li għandhom jiġu vverifikati fir-rigward tal-ħżin ċentralizzat jew deċentralizzat ta' *data* bijometrika għall-identifikazzjoni jew għall-awtentikazzjoni tal-passiġġieri biex jiġi ssimplifikat il-fluss tal-passiġġieri fl-ajruporti, u dwar il-kompatibbiltà ta' tali pproċessar mal-Artikolu 5(1)(e) u (f), u mal-Artikoli 25 u 32 tal-GDPR.

11. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Bord iqis li t-Talba hija ammissibbli u l-mistoqsijiet li qajmet jenħtieġ li jiġu analizzati f'opinjoni adottata skont l-Artikolu 64(2) tal-GDPR.

2 KAMP TA' APPLIKAZZJONI U KUNTEST TAL-OPINJONI

2.1 Kamp ta' applikazzjoni tal-Opinjoni

12. Din l-Opinjoni tikkonċerna biss il-kompatibbiltà mal-Artikolu 5(1)(e) u (f), u mal-Artikoli 25 u 32 tal-GDPR dwar l-użu tat-teknoloġija tar-rikonossiment tal-wiċċ għall-awtentikazzjoni jew għall-identifikazzjoni tal-passiġġieri permezz tal-bijometrija mill-operaturi tal-ajruporti u mill-kumpaniji tal-ajru, **għall-iskop speċifiku li jiġi ssimplifikat il-fluss tal-passiġġieri fl-ajruporti**, jiġifieri fil-punti ta' kontroll tas-sigurtà, fil-post fejn jitħallew il-bagalji, fl-imbark u fl-aċċess għas-sala tal-passiġġieri, skont it-Talba.
13. Fir-rigward tal-**kamp ta' applikazzjoni ta' din l-Opinjoni**, il-Bord jiċċara dan li ġej:
 - 1) L-ipproċessar ta' *data* personali fil-qafas tal-kontrolli u tal-verifiki fil-fruntieri mwettqa minn ħwienet mingħajr dazju ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-Opinjoni, peress li jitwettaq minn kontrolluri li mhumiex operaturi tal-ajruporti u kumpaniji tal-ajru.
 - 2) L-użu tat-teknoloġija tar-rikonossiment tal-wiċċ, anki jekk ibbażata fuq ix-xenarji deskritti hawn taħt fit-Taqsima 3.2, għal kwalunkwe skop ieħor (bħall-infurzar tal-liġi) jew minn kwalunkwe parti oħra, anki jekk għal skopijiet simili, huwa barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-Opinjoni.
 - 3) Din l-Opinjoni teżamina biss l-ipproċessar tad-*data* personali tal-passiġġieri u ma tkoprix tipi oħra ta' suġġetti tad-*data*, bħall-persunal tal-operaturi tal-ajruporti jew tal-kumpaniji tal-ajru.
 - 4) Din l-Opinjoni teżamina t-Talba kif sottomessa mill-AS Franċiża, fir-rigward tal-kompatibbiltà tal-arkitetturi tal-ħżin tal-mudelli bijometriċi tal-passiġġieri mal-Artikolu 5(1)(e) u (f), u mal-Artikoli 25 u 32 tal-GDPR. F'dan ir-rigward, din l-Opinjoni ma tinkludix analiżi sħiħa u kompluta tal-konformità mal-GDPR, mill-kontrollur(i) rilevanti f'kull każ, kif ukoll mill-proċessur(i) tagħhom, jekk applikabbli. Dan huwa partikolarment importanti meta jitqies li dawn it-teknoloġiji jinvolvu riskji akbar assoċjati mal-ipproċessar tal-kategoriji speċjali ta' *data* f'konformità mal-Artikolu 9

⁸ Il-Linji Gwida 3/2019 tal-EDPB dwar l-ipproċessar ta' *data* personali permezz ta' apparat video, il-Verżjoni 2.0, adottati fid-29 ta' Jannar 2020 (minn hawn 'il quddiem il-**"Linji Gwida tal-EDPB 3/2019 dwar l-apparat video"**).

tal-GDPR. Għaldaqstant, din l-Opinjoni hija mingħajr preġudizzju għal valutazzjoni rigward dispożizzjonijiet oħra tal-GDPR fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji ta' rikonossiment tal-wiċċ, inkluż fis-settur speċifiku indirizzat mit-Talba, jew għal analiżi legali u teknika każ b'każ ibbażata fuq l-ipproċessar u ċ-ċirkostanzi speċifiċi previsti ta' kontrollur.

- 5) Din l-Opinjoni ma teżaminax l-ipproċessar tad-*data* personali tat-tfal u hija mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rekwiżit speċifiku li japplika f'dak ir-rigward.
- 6) Din l-Opinjoni hija mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti legali u għal restrizzjonijiet ulterjuri fuq l-użu ta' *data* bijometrika li tirriżulta mil-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri⁹.
- 7) Kwalunkwe konklużjoni f'din l-Opinjoni hija mingħajr preġudizzju għal aktar żviluppi teknoloġiċi.
- 8) Din l-Opinjoni teżamina erba' xenarji, li l-karatteristiċi speċifiċi tagħhom huma deskritti hawn taħt fit-Taqsim 3.2. Ma tindirizzax xenarji oħra anki jekk l-ipproċessar isir għall-istess finijiet.

14. Fit-Talba tagħha, l-AS Franċiża indikat li l-ipproċessar tad-*data* bijometrika tal-passiġġieri għall-fini tas-simplifikazzjoni tal-fluss tal-passiġġieri fl-ajruporti jkun ibbażat fuq is-suppożizzjoni li l-individwi jagħtu l-kunsens tagħhom għal tali pproċessar, li possibbilment jifforma l-bażi legali skont il-GDPR¹⁰. **Madankollu, l-analiżi tal-bażi legali applikabbli ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-mistoqsijiet sottomessi lill-EDPB fit-Talba u għalhekk, il-validità tal-kunsens għal tali pproċessar f'konformità mal-Artikoli 6, 7 u 9 tal-GDPR ma hijiex eżaminata f'din l-Opinjoni.**
15. Madankollu, f'termini ġenerali, l-EDPB jinnotta li, jekk il-kontrolluri rilevanti kellhom jiddependu fuq din il-bażi legali, ikollhom b'zonn jiksbu kunsens espliċitu validu¹¹ mill-individwi li jixtiequ jużaw tali servizzi. Tali kunsens espliċitu jeħtieġ li jingħata liberament, speċifiku u infurmat¹² u jekk dawk il-kundizzjonijiet humiex issodisfati jiġi analizzat fuq bażi ta' każ b'każ. Dan, *inter alia*, ifisser li:
 - 1) L-individwi jeħtieġ li jkunu jistgħu jirtiraw faċilment tali kunsens fi kwalunkwe ħin u mingħajr ebda detriment¹³.
 - 2) Sabiex il-kunsens jingħata liberament, tali użu ta' teknoloġiji li jużaw il-bijometrija jista' jsir biss fuq bażi volontarja, peress li l-individwi għandhom ikunu jistgħu jagħżlu liberament jekk jużawx dawn is-servizzi jew le u mingħajr ebda detriment (bħal

⁹ Pereżempju, l-Artikolu 9(4) tal-GDPR jipprevedi li l-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu aktar kundizzjonijiet, inklużi limitazzjonijiet, fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* bijometrika.

¹⁰ It-Talba, l-Anness I.

¹¹ Skont l-Artikoli 4(14) u 9(1) tal-GDPR, kif ukoll l-Artikolu 9(2)(a) tal-GDPR, l-ipproċessar tad-*data* bijometrika għall-fini ta' identifikazzjoni unika ta' persuna fiżika għandu jiġi pprobit, sakemm is-suġġett tad-*data* ma jkunx ta kunsens espliċitu għall-ipproċessar ta' dik id-*data* personali għal fini speċifiku wieħed jew aktar, ħlief meta l-liġi tal-Unjoni jew tal-Istat Membru tipprevedi li l-projbizzjoni msemmija fl-Artikolu 9(1) tal-GDPR ma tistax titneħħa mis-suġġett tad-*data*. Ara wkoll il-Premessi 51, 52 u 53 tal-GDPR.

¹² L-Artikoli 4(11) u 7 tal-GDPR.

¹³ L-Artikolu 7(4) tal-GDPR, anki l-Premessa 50 tal-GDPR.

dewmien ferm itwal għall-passiġġieri li ma jagħtux kunsens¹⁴), inċentivi, kostijiet addizzjonali jew vantaġġi addizzjonali bħala korrispettiv¹⁵.

- 3) Ikun meħtieġ ukoll li jintalab kunsens espliċitu mill-individwi li *d-data* bijometrika tagħhom tiġi pproċessata, anki jekk ma jkunux irreġistrati biex jiġu identifikati jew awtentikati b'tali mezzi. Fi kliem ieħor, huwa essenzjali li l-individwi li ma tawx kunsens espliċitu għar-rikonoxximent tal-wiċċ għall-iskop maħsub ma jkollhomx l-uċuħ tagħhom skennjati bil-kameras. Dan jista' jinkiseb, pereżempju, billi jiġu ddedikati korsiji speċifiċi għar-rikonoxximent tal-wiċċ u jiġu pprovduti sinjali u separazzjoni fiżika xierqa bil-flussi ta' kontroll mhux bijometriku biex tkun tista' ssir identifikazzjoni ċara ta' tali korsiji.
 - 4) Mingħajr preġudizzju għal jekk il-kunsens ikunx il-bażi legali applikabbli għal tali pproċessar, il-prinċipji tal-ipproċessar minqusa fl-Artikolu 5 tal-GDPR fir-rigward tan-neċessità u tal-proporzjonalità, għadhom japplikaw anki meta l-individwi jkunu taw il-kunsens espliċitu tagħhom għall-użu tad-*data* bijometrika tagħhom¹⁶.
16. It-Talba tispeċifika¹⁷ li l-operaturi tal-ajruport jaġixxu bħala kontrolluri fir-rigward tal-ipproċessar fil-punti ta' kontroll tas-sigurtà tal-ajruport, filwaqt li l-kumpaniji tal-linji tal-ajru jaġixxu bħala kontrolluri fir-rigward tal-ipproċessar fil-post fejn jitħallew il-bagalji, fl-imbark u fl-aċċess għas-sala tal-passiġġieri. Għaldaqstant, il-Bord jinnota li jistgħu jkunu involuti atturi differenti fl-ipproċessar deskritt fit-Talba u ma vvalutax l-applikazzjoni tar-rwoli ta' kontrollur u/proċessur (konġunt) fix-xenarji deskritti hawn taħt fit-Taqsima 3.2 ta' din l-Opinjoni. F'kull każ, l-atturi involuti jeħtieġ li jiġu identifikati u r-responsabbiltajiet tagħhom jiġu allokatati b'mod ċar, sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-GDPR¹⁸.
17. Barra minn hekk, il-Bord jinnota li bħalissa ma hemm l-ebda rekwiżit legali uniformi fl-UE biex l-operaturi tal-ajruporti u l-kumpaniji tal-ajru jidentifikaw il-passiġġieri u jivverifikaw li l-isem fuq il-karta tal-imbarkazzjoni tal-passiġġier jaqbel mal-isem fuq id-dokument tal-identità tiegħu fil-punti ta' kontroll kollha msemmija hawn fuq¹⁹. Għalhekk, kwalunkwe rekwiżit bħal dan huwa soġġett għal-liġijiet nazzjonali li jistgħu jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor. F'xi Stati Membri, tali verifika tista' tkun meħtieġa għal xi punti ta' kontroll (eż. il-post fejn jitħallew il-bagalji jew l-imbark), filwaqt li

¹⁴ Pereżempju, dan jista' jinkludi kunsiderazzjonijiet bħat-tfassil ta' sistema biex jiġi evitat li tinħoloq pressjoni soċjali fuq il-passiġġieri li ma jridux jagħtu l-kunsens tagħhom, billi jiġi evitat li l-għażla tagħha jkollha impatt negattiv fuq passiġġieri oħra.

¹⁵ Il-Linji Gwida 05/2020 tal-EDPB dwar il-kunsens skont ir-Regolament 2016/679, il-Verżjoni 1.1, adottati fl-4 ta' Mejju 2020 (minn hawn 'il quddiem il-**"Linji Gwida 05/2020 tal-EDPB dwar il-kunsens"**), il-punti 46, 48.

¹⁶ Idem, il-punt 5.

¹⁷ It-Talba, l-Anness I.

¹⁸ F'konformità mal-Artikoli 4(7) u (8), 5(2), 24, 26, 28 u 29 tal-GDPR. Ara wkoll il-Linji Gwida 07/2020 tal-EDPB dwar il-kunċetti ta' kontrollur u ta' proċessur fil-GDPR, il-Verżjoni 2.1, adottati fis-7 ta' Lulju 2021.

¹⁹ Ir-Regolament rilevanti fil-livell tal-UE huwa r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1998 tal-5 ta' Novembru 2015 li jstabbilixxi miżuri dettaljati għall-implimentazzjoni tal-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni. Madankollu, dan ir-regolament ma jindirizzax il-kontrolli tad-dokumenti tal-identità uffiċjali fil-punti ta' kontroll fl-ajruporti, u l-Istati Membri għandhom id-diskrezzjoni li jirregolaw dan fil-livell nazzjonali.

f'oħrajn l-ebda tali kontroll ma huwa meħtieġ illum²⁰. L-eżistenza ta' dmirijiet legali biex tiġi vverifikata l-identità tal-passiġġieri għandha impatt dirett fuq il-prattiki differenti tal-ajruporti.

18. Konsegwentement, f'dawn is-sitwazzjonijiet, **fejn ma tkun meħtieġa l-ebda verifika tal-identità tal-passiġġieri b'dokument tal-identità uffiċjali, jenħtieġ li ma titwettagħ l-ebda verifika bl-użu tal-bijometrika, peress li dan jirriżulta fi pproċessar eċċessiv tad-*data* peress li jinvolvi l-ipproċessar ta' *data* addizzjonali meta mqabbel mas-sitwazzjoni attwali u jmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ għall-iskop rilevanti, bi ksur tal-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-*data* stabbilit fl-Artikolu 5(1)(c) tal-GDPR**. Tali kunsiderazzjoni jenħtieġ li tiġi kkunsidrata fir-rigward tal-eżami tax-xenarji kollha deskritti iktar 'il quddiem fit-Taqsima 3.2 ta' din l-Opinjoni.

2.2 Kunċetti ewlenin

19. Biex jikkwalifika bħala *data* bijometrika skont l-Artikolu 4(14) tal-GDPR²¹, l-ipproċessar ta' *data* mhux ipproċessata, bħall-karatteristiċi fiżiċi, fiżjoloġiċi jew tal-imġiba ta' persuna fiżika, jenħtieġ li jimplika l-kejl ta' dawn il-karatteristiċi, peress li d-*data* bijometrika hija r-riżultat ta' tali kejl²².
20. Bl-użu tal-immaġni tal-wiċċ ta' individwu (ritratt jew video) imsejjaħ "**kampjun**" bijometriku, huwa possibbli li tiġi estratta rappreżentazzjoni diġitali ta' karatteristiċi distinti ta' wiċċ bħal dan (dan jissejjaħ "**mudell**")²³. Barra minn hekk, il-Bord ifakkar li "mudell bijometriku huwa rappreżentazzjoni diġitali tal-karatteristiċi uniċi li ġew estratti minn kampjun bijometriku u li jistgħu jinħażnu f'bażi tad-*data* bijometrika"²⁴ li tippermetti jew tikkonferma l-identifikazzjoni unika ta' persuna fiżika. Barra minn hekk, "[d]an il-mudell bijometriku huwa mistenni li jkun uniku u speċifiku għal kull individwu u huwa, fil-prinċipju, permanenti maż-żmien"²⁵. Tipikament, fi pproċess ta' tqabbil li għandu l-għan li jidentifika jew jawtentika individwu permezz tar-rikonossiment tal-wiċċ, il-mudell bijometriku li jidħol jitqabbel ma' oġġetti maħżuna biex jiġi vverifikat tqabbil jew biex jinstab wieħed f'bażi tad-*data*²⁶.

²⁰ Dan ifisser li bħalissa jew ma ssir l-ebda verifika jew tiġi vverifikata biss l-eżistenza tal-karta tal-imbarkazzjoni. Pereżempju, abbażi tal-Protokoll dwar l-eżenzjoni taċ-ċittadini tad-Danimarka, il-Finlandja, in-Norveġja u l-lżvezja mill-obbligu li jkollhom passaport jew permess ta' residenza waqt li jkunu residenti f'pajjiż Skandinavu li mhux tagħhom tat-22 ta' Mejju 1954, mill-1 ta' Lulju 1954, iċ-ċittadini tan-Norveġja, id-Danimarka, il-Finlandja u l-lżvezja huma eżentati mill-obbligu li jkollhom passaport jew identifikazzjoni oħra tal-ivvjaġġar meta jivvjaġġaw bejn dawn il-pajjiżi.

²¹ Ara wkoll il-Premessi 51, 52 u 53 tal-GDPR.

²² Il-Linji Gwida 3/2019 tal-EDPB dwar l-apparat video, il-punt 74.

²³ Il-Linji Gwida 05/2022 tal-EDPB dwar l-użu ta' teknoloġija ta' rikonossiment tal-wiċċ fil-qasam tal-infurzar tal-liġi, il-Verżjoni 2.0, adottati fis-26 ta' April 2023 (minn hawn 'il quddiem il-"**Linji Gwida 05/2022 tal-EDPB dwar ir-rikonossiment tal-wiċċ fl-infurzar tal-liġi**"), il-punti 7 u 8.

²⁴ Idem, il-punt 9.

²⁵ Idem.

²⁶ Il-Linji Gwida 05/2022 tal-EDPB dwar ir-rikonossiment tal-wiċċ fl-infurzar tal-liġi, il-punti 10-11; ara wkoll l-Istandard Internazzjonali ISO/IEC 2382-37, 2022-03, disponibbli fuq: [https://standards.iso.org/ittf/PubliclyAvailableStandards/c073514_ISO_IEC%202382-37_2022\(E\).zip](https://standards.iso.org/ittf/PubliclyAvailableStandards/c073514_ISO_IEC%202382-37_2022(E).zip) [aċċessat l-aħħar fit-23 ta' Mejju 2024]_(minn hawn 'il quddiem "**ISO/IEC 2382-37**")

21. It-teknoloġija tar-rikonoxximent tal-wiċċ tista' tissodisfa żewġ funzjonijiet distinti – l-awtentikazzjoni²⁷ u l-identifikazzjoni²⁸. Filwaqt li ż-żewġ funzjonijiet huma distinti, it-tnejn li huma jiddependu fuq l-ipproċessar ta' *data* bijometrika relatata ma' persuna fiżika²⁹ identifikata jew identifikabbli u, għaldaqstant, jikkostitwixxu l-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' *data* personali skont l-Artikolu 9 tal-GDPR³⁰.
22. B'mod partikolari:
- L-awtentikazzjoni** għandha l-għan li tikkonferma pretensjoni bijometrika permezz ta' tqabbil. Din tissejjaħ ukoll verifika one-to-one.
- L-identifikazzjoni** għandha l-għan li tfittex ma' bażi ta' *data* ta' reġistrazzjoni bijometrika biex tirritorna identifikaturi attribwibbli għal individwu wieħed. Din tissejjaħ ukoll identifikazzjoni minn 1 sa ħafna.
23. Fiż-żewġ każijiet (jiġifieri l-identifikazzjoni u l-awtentikazzjoni), it-tekniki ta' rikonoxximent tal-wiċċ huma bbażati fuq tqabbil stmat bejn il-mudelli; jiġifieri dik li qed titqabbel u l-linja(i) bażi(i). Minn din il-perspettiva, huma probabilistiċi: it-tqabbil iwassal għal deduzzjoni ta' probabbiltà oġġla jew aktar baxxa li l-persuna hija tabilħaqq il-persuna li għandha tiġi awtentikata jew identifikata; jekk din il-probabbiltà taqbeż ċertu limitu fis-sistema, definit mill-utent jew mill-iżviluppatur tas-sistema, is-sistema tassumi li hemm tqabbil li jrid jiġi identifikat jew awtentikat³¹.

²⁷ Il-Bord jinnota li r-Regolament li jmiss tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi r-regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali) (għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali), fl-Artikolu 3(36) jiddefinixxi wkoll "verifika bijometrika" bħala "il-verifika awtomatizzata, one-to-one, inkluża l-awtentikazzjoni, tal-identità tal-persuni fiżiċi billi d-*data* bijometrika tagħhom titqabbel mad-*data* bijometrika pprovduta preċedentement" (ara r-risoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Marzu 2024 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi regoli armonizzati dwar l-Intelliġenza Artifiċjali (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali) u li jemenda ċerti Atti Leġislattivi tal-Unjoni (COM (2021) 0206 – C9-0146/2021–2021/0106 (COD)).

²⁸ Idem, l-Artikolu 3(35) tal-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali jiddefinixxi l-"identifikazzjoni bijometrika" bħala "ir-rikonoxximent awtomatizzat ta' karatteristiċi fiżiċi, fiżjoloġiċi, komportamentali jew psikoloġiċi tal-bniedem għall-fini li tiġi stabbilita l-identità ta' persuna fiżika permezz ta' tqabbil tad-*data* bijometrika ta' dak l-individwu mad-*data* bijometrika ta' individwi maħżuna f'bażi tad-*data*".

²⁹ ISO/IEC 2382–37.

³⁰ L-Artikolu 4(14) tal-GDPR u l-Linji Gwida 05/2022 tal-EDPB dwar ir-rikonoxximent tal-wiċċ fl-infurzar tal-liġi, il-punt 12.

³¹ Il-Linji Gwida 05/2022 tal-EDPB dwar ir-rikonoxximent tal-wiċċ fl-infurzar tal-liġi, il-punt 11. Ara wkoll ISO/IEC 2382-37.

3 FUQ IL-MERTI TAT-TALBA

3.1 Osservazzjonijiet ġenerali

24. Din it-taqsimha tanalizza l-mistoqsijiet ippreżentati fil-punt 4 hawn fuq. F'dan il-kuntest, il-Bord se janalizza, għall-mistoqsija 1, il-kompatibbiltà mal-Artikolu 5(1)(f), u mal-Artikoli 25 u 32 tal-GDPR, u għall-mistoqsija 2, il-kompatibbiltà mal-Artikolu 5(1)(e) u (f), u mal-Artikoli 25 u 32 tal-GDPR.
25. Għal dan l-għan, il-Bord se janalizza erba' xenarji differenti³², li l-karatteristiċi speċifiċi tagħhom huma deskritti hawn taħt fit-Taqsimha 3.2.
26. Bħala rimarka preliminari, il-Bord ifakkar li l-użu tad-*data* bijometrika u b'mod partikolari t-teknoloġija tar-rikonoxximent tal-wiċċ jinvolvi riskji akbar għad-drittijiet u għal-libertajiet tas-suġġetti tad-*data*. L-ewwel nett, l-ipproċessar inkwistjoni jikkonċerna *data* bijometrika li tingħata protezzjoni speċjali skont l-Artikolu 9 tal-GDPR. B'mod partikolari, id-*data* bijometrika tbiddel b'mod irriversibbli r-relazzjoni bejn il-ġisem u l-identità minħabba li jagħmlu l-karatteristiċi tal-ġisem tal-bniedem "li jinqraw minn magna" u soġġetti għal użu ulterjuri³³. Barra minn hekk, l-użu tat-teknoloġija tar-rikonoxximent tal-wiċċ jista' jwassal għal riskji assoċjati ma' negattivi foloz, preġudizzju u diskriminazzjoni,³⁴ u l-potenzjal għall-użu taż-*data* bijometrika jista' jkollu konsegwenzi gravi għall-individwi bħall-frodi tal-identità jew l-impersonizzazzjoni³⁵. Jenħtieġ li jiġi nnotat ukoll li, meta r-rikonoxximent tal-wiċċ isir mill-bogħod u mingħajr l-involviment attiv tas-suġġett tad-*data*, l-individwi jistgħu jkunu saħansitra inqas konxji ta' tali pproċessar u riskji assoċjati. Fl-aħħar nett, huwa importanti li jiġi enfasizzat li l-karatteristiċi li fuqhom hija bbażata d-*data* bijometrika ġeneralment jistgħu jitqiesu permanenti u jenħtieġ li jiġu ttrattati bħala mhux revokabbli, speċjalment fil-kuntest tar-rikonoxximent tal-wiċċ³⁶.
27. Għaldaqstant, b'kont meħud ta' dan ta' hawn fuq, qabel ma jużaw tali teknoloġiji, anki kieku kellhom jitqiesu partikolarment effettivi, il-kontrolluri jenħtieġ li jivvalutaw l-impatt fuq id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġetti tad-*data* u jikkunsidraw jekk il-mezzi inqas intrużivi jistgħux jilħqu l-għan leġittimu tagħhom tal-ipproċessar³⁷.

³² L-erba' xenarji analizzati mill-Bord huma bbażati fuq każijiet ta' użu ppreżentati fl-Anness I tat-Talba. L-AS Franċiża ċċarat li l-każijiet ta' użu ppreżentati fl-Anness I tat-Talba huma eżempji ta' implimentazzjoni, li jappartjenu għal xenarju, użati għal skopijiet illustrattivi.

³³ L-Opinjoni 3/2012 tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar l-iżviluppi fit-teknoloġiji bijometriċi adottata fis-27 ta' April 2012, WP193 (minn hawn 'il quddiem "**L-Opinjoni 3/2012 tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar it-teknoloġiji bijometriċi**"), p. 4. Jenħtieġ li jiġi nnotat li din l-Opinjoni tirreferi għad-Direttiva 95/46/KE tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-*data* ("Id-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-*Data*"). Il-GDPR wessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-kategoriji speċjali ta' *data* u, għall-kuntrarju tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-*Data*, il-GDPR jipprevedi li d-*data* bijometrika hija kategoriji speċjali ta' *data* (l-Artikolu 9 tal-GDPR).

³⁴ Il-linji gwida dwar ir-rikonoxximent tal-wiċċ, il-Kumitat Konsultattiv tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa għall-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar awtomatiku tad-*data* personali, Ġunju 2021, p. 15; kif ukoll il-Linji Gwida 05/2022 tal-EDPB dwar ir-rikonoxximent tal-wiċċ fl-infurzar tal-liġi, il-punt 27.

³⁵ L-Opinjoni 3/2012 tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar it-teknoloġiji bijometriċi, p. 29.

³⁶ Il-Linji Gwida 05/2022 tal-EDPB dwar ir-rikonoxximent tal-wiċċ fl-infurzar tal-liġi, il-punt 104.

³⁷ Il-Premessa 39 tal-GDPR. Ara wkoll il-Linji Gwida 3/2019 tal-EDPB dwar l-apparat video, il-punt 73.

28. Il-Bord ifakkar ukoll li d-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali mhuwiex dritt assolut u jenħtieġ li jkun ibbilanċjat ma' drittijiet fundamentali oħra protetti mill-Karta f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità³⁸.
29. L-Artikolu 25(1) tal-GDPR jirreferi għall-“prinċipji tal-protezzjoni tad-*data*” li huma elenkati fl-Artikolu 5 tal-GDPR³⁹ u jirrikjedi li dawn jiġu implimentati mid-disinn “b’mod effettiv”⁴⁰. Dan jinkludi espressament il-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-*data* skont l-Artikolu 5(1)(c) tal-GDPR,⁴¹ li jirrikjedi li d-*data* personali tkun “adegwata, rilevanti u limitata għal dak li huwa meħtieġ fir-rigward tal-finijiet li għalihom tiġi pproċessata, filwaqt li jiġi espress il-prinċipju tal-proporzjonalità”⁴². Barra minn hekk, l-Artikolu 25(2) tal-GDPR jispeċifika l-obbligu tal-“minimizzazzjoni tad-*data* b’mod awtomatiku”, billi jiddikjara li dan japplika għall-ammont ta’ *data* personali miġbura, il-firxa tal-ipproċessar tagħha, il-perjodu tal-ħażna tagħha u l-aċċessibiltà tagħha⁴³.
30. Madankollu, l-Artikolu 25 tal-GDPR ma jirrikjedix li l-kontrolluri jimplimentaw xi miżura teknika u organizzazzjonali speċifika, u pjuttost jirrikjedi li l-miżuri u s-salvagwardji magħżula jenħtieġ li jkunu speċifiċi għall-kuntest u għar-riskji għad-drittijiet u għal-libertajiet tas-suġġett tad-*data* ppreżentat mill-ipproċessar⁴⁴. Bl-istess mod, l-Artikolu 32 tal-GDPR dwar is-sigurtà tal-ipproċessar jirrikjedi li l-kontrolluri u l-proċessuri jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa biex jiżguraw livell ta’ sigurtà xieraq għar-riskju għad-drittijiet u għal-libertajiet tal-persuni fiżiċi.

³⁸ Il-Premessa 4 tal-GDPR. F’dan ir-rigward ara wkoll, is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta’ Ġunju 2021, *Latvijas Republikas Saeima*, C-439/19, ECLI:EU:C:2021:504 (minn hawn ‘il quddiem “C-439/19 *Latvijas Republikas Saeima*”), il-punti 98, 110 u 113. Barra minn hekk, bħala prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, il-prinċipju ta’ proporzjonalità, jirrikjedi li l-miżuri implimentati permezz ta’ atti tal-Unjoni jkunu xierqa biex jintlaħaq l-oġettiv imfittex u ma jmorru lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex dan jinkiseb (Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-9 ta’ Novembru 2010, *Volker und Markus Schecke u Eifert*, C-92/09 u C-93/09, ECLI:EU:C:2010:662 (minn hawn ‘il quddiem “C-92/09 u C-93/09 *Volker und Schecke*”), il-punt 74 u l-ġurisprudenza ċċitata).

³⁹ Il-Linji Gwida 4/2019 tal-EDPB dwar il-Protezzjoni tad-*Data* mid-Disinn u b’Mod Awtomatiku skont l-Artikolu 25, il-Verżjoni 2.0, adottati fl-20 ta’ Ottubru 2020 (minn hawn ‘il quddiem il-“**Linji Gwida 4/2019 tal-EDPB dwar il-Protezzjoni tad-*Data* mid-Disinn u b’Mod Awtomatiku**”), il-punt 11.

⁴⁰ L-Artikolu 25(1) tal-GDPR jiddikjara li: “Wara li jikkunsidra l-ogħla livell ta’ żvilupp tekniku, l-ispiża tal-implimentazzjoni u n-natura, l-ambitu, il-kuntest u l-finijiet tal-ipproċessar kif ukoll ir-riskji ta’ probabbiltà u gravità li jvarjaw għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi kkawżati mill-ipproċessar, il-kontrollur għandu, kemm fiż-żmien tad-determinazzjoni tal-mezzi għall-ipproċessar kif ukoll fiż-żmien tal-ipproċessar innifsu, jimplimenta miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa, bħall-pseudonimizzazzjoni, li huma maħsuba biex jimplimentaw il-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data*, bħalma hija l-minimizzazzjoni tad-*data*, b’mod effettiv u biex jintegraw is-salvagwardji meħtieġa fl-ipproċessar sabiex jissodisfa r-rekwiżiti ta’ dan ir-Regolament u jipproteġi d-drittijiet tas-suġġetti tad-*data*”. Il-Linji Gwida 4/2019 tal-EDPB dwar il-Protezzjoni tad-*Data* mid-Disinn u b’Mod Awtomatiku skont l-Artikolu 25, il-punt 13.

⁴¹ B’mod korrispondenti, il-Premessa 39 tal-GDPR tiddikjara li d-*data* personali jenħtieġ li tiġi pproċessata biss jekk l-għan tal-ipproċessar ma jkunx jista’ jiġi ssodisfat b’mod raġonevoli b’mezzi oħra.

⁴² C-439/19 *Latvijas Republikas Saeima*, il-punt 98; Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta’ Diċembru 2019, *Asociația de Proprietari bloc M5A-ScaraA*, C-708/18, ECLI:EU:C:2019:1064 (minn hawn ‘il quddiem “C-708/18 *M5A-ScaraA*”), il-punt 48.

⁴³ Il-Linji Gwida 4/2019 tal-EDPB dwar il-Protezzjoni tad-*Data* mid-Disinn u b’Mod Awtomatiku skont l-Artikolu 25, il-punt 48.

⁴⁴ Il-Linji Gwida 4/2019 tal-EDPB dwar il-Protezzjoni tad-*Data* mid-Disinn u b’Mod Awtomatiku skont l-Artikolu 25, il-punt 14.

31. Huwa importanti li, anki jekk il-passiġġieri kellhom jagħtu l-kunsens espliċitu għall-użu tad-*data* bijometrika tagħhom sabiex jiġi ssimplifikat il-fluss tal-passiġġieri fl-ajruporti, il-prinċipji tal-ipproċessar minnuxa fil-GDPR rigward in-neċessità u l-proporzjonalità għadhom japplikaw u jeħtieġ li jiġu rrispettati⁴⁵.
32. Rigward il-**prinċipju tan-neċessità**, il-Bord se jikkunsidra jekk l-ipproċessar propost huwiex meħtieġ biex jintlaħaq l-oġġettiv intenzjonat u jekk l-istess oġġettiv jistax jintlaħaq b'mod effettiv b'mezzi oħra inqas intrużivi għad-drittijiet u għal-libertajiet fundamentali tas-suġġett tad-*data*⁴⁶. Rigward il-**prinċipju tal-proporzjonalità**, il-Bord se jivvaluta jekk l-impatt negattiv fuq id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġetti tad-*data* huwiex proporzjonali għal kwalunkwe benefiċċju antiċipat. Jekk il-benefiċċju jkun relattivament żgħir, dan l-impatt jista' ma jkunx proporzjonat⁴⁷.
33. Fi kwalunkwe każ, anki jekk il-Bord iqis li wieħed mix-xenarji analizzati hawn taħt jista' jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikoli 5(1)(e) u (f), 25 u 32 tal-GDPR, huwa f'idejn il-kontrollur f'kull każ li juri dan b'elementi fattwali. Tali dimostrazzjoni jenħtieġ li tinkludi l-kunsiderazzjoni ta' xenarji alternattivi.

3.2 Dwar il-kompatibbiltà mal-Artikolu 5(1)(e) u (f), l-Artikoli 25 u 32 tal-GDPR

3.2.1 Xenarju 1: il-ħżin ta' mudell bijometriku rreġistrat f'idejn l-individwu biss, għall-awtentikazzjoni

34. Din it-taqsimha teżamina l-kompatibbiltà mal-Artikolu 5(1)(f), u mal-Artikoli 25 u 32 tal-GDPR dwar il-ħżin tal-mudell bijometriku tal-passiġġieri f'idejn l-individwu biss, pereżempju fuq l-apparat individwali tagħhom⁴⁸, taħt il-kontroll tagħhom biss⁴⁹, għall-awtentikazzjoni⁵⁰ (minn hawn 'il quddiem "**Xenarju 1**"). Din it-taqsimha teżamina wkoll is-salvagwardji xierqa għax-Xenarju 1, fid-dawl tal-Artikoli 25 u 32 tal-GDPR.

Deskrizzjoni tax-Xenarju

35. Fix-xenarju 1, il-mudell bijometriku rreġistrat ta' kull passiġġier, li jkun ta l-kunsens tiegħu għal tali pproċessar, jinħażen biss f'idejn l-individwu, pereżempju, fuq apparat individwali miżmum minn kull passiġġier, taħt il-kontroll tiegħu biss. Il-passiġġieri jiġu awtentikati (tqabbil 1:1), meta jgħaddu minn punti ta' kontroll speċifiċi fl-ajruport.
36. Ir-reġistrazzjoni ssir mill-operatur tal-ajruport, jew mill-bogħod permezz tal-app⁵¹ tal-operatur tal-ajruport jew fit-terminals tal-ajruport b'livell xieraq ta' assigurazzjoni tal-identità (eż. il-livell xieraq ta'

⁴⁵ Il-Linji Gwida 05/2020 tal-EDBP dwar il-kunsens skont ir-Regolament 2016/679, il-punt 5.

⁴⁶ C-439/19 *Latvijas Republikas Saeima*, il-punti 110 u 113; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (l-Awla Manja) tal-4 ta' Lulju 2023, *Meta v. Bundeskartellamt*, C-252/21, ECLI:EU:C:2023:537, il-punt 108.

⁴⁷ C-708/18 *M5A-ScaraA*, il-punti 52–56, C-92/09 u C-93/09 *Volker und Schecke*, il-punti 87, C-439/19 *Latvijas Republikas Saeima*, il-punti 98, 110, 113. Ara wkoll l-Artikolu 29 tal-Opinjoni 3/2012 tal-Grupp ta' Ħidma dwar it-teknoloġiji bijometriċi, p. 8.

⁴⁸ Bħala alternattiva, l-individwu jista' jistampa u jaħżen il-mudell bijometriku tiegħu fuq il-karta.

⁴⁹ Dan huwa mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà ġenerali tal-kontrollur fir-rigward tal-ipproċessar.

⁵⁰ Kif muri mill-każ ta' użu 1 fl-Anness I tat-Talba.

⁵¹ L-EDBP jinnota li fil-futur jistgħu jiġu previsti modi alternattivi għal tali reġistrazzjoni u r-reġistrazzjoni tista' possibbilment titwettag mingħajr app speċifika tal-operatur tal-ajruport, pereżempju, permezz ta' interazzjoni mal-kartiera diġitali tal-utent.

assicurazzjoni tal-eIDAS⁵²). Tali reġistrazzjoni tikkonsisti fir-reġistrazzjoni, fuq l-apparat tal-passiġġier, ta' mudell bijometriku u tad-*data*⁵³ tal-identifikazzjoni (minn hawn 'il quddiem "ID") meħtieġa għall-ipproċessar. Ir-reġistrazzjoni sseħħ darba biss u għal perjodu ta' validità speċifiku (pereżempju, allinjat mal-perjodu ta' validità tal-passaport tal-passiġġieri). La l-ID tal-passiġġieri u lanqas id-*data* bijometrika tagħhom ma jinżammu mill-operatur tal-ajruport wara l-proċess tar-reġistrazzjoni.

37. B'mod partikolari fir-rigward tal-ħżin, il-mudell tal-ID u dak bijometriku tal-passiġġier jinħażnu lokalment fuq l-apparat ta' kull passiġġier (eż. l-applikazzjoni mobbli tal-operatur tal-ajruport jew f'app fil-kartiera diġitali). L-apparat imbagħad jista' jintuża biex jittrażmetti jew ifittex il-mudell tal-ID u dak bijometriku tal-passiġġieri, li possibbilment jinkludi informazzjoni dwar it-titjira u/jew il-karta tal-imbarkazzjoni. Pereżempju, din l-informazzjoni hija kriptata bi kjavi miżmuma biss mill-operatur tal-ajruport — forsi kkodifikata fil-forma ta' kodiċi QR, li jista' jiġi stampat jew fuq il-karta jew muri fuq l-iskrin tal-apparat tal-passiġġier. F'dan il-każ, il-passiġġier imbagħad juri dan il-kodiċi QR lill-pods ta' kontroll dedikati fl-ajruport, mgħammra bi skener QR u b'kamera.
38. F'termini ta' sigurtà, waqt it-tqabbil, il-kodiċijiet QR jiġu dekritati bi kjavi miżmuma mill-operatur tal-ajruport, li huwa l-uniku wieħed li jista' jiddekrpta l-kodiċijiet QR. Id-*data* bijometrika tal-passiġġieri tinżamm biss għal perjodu qasir ħafna u titħassar wara li jitlestha t-tqabbil. Jenħtieġ li jiġi nnotat li l-miżuri ta' sigurtà fir-rigward tal-ħżin jiddependu parzjalment fuq is-sigurtà tal-apparat tal-passiġġier.

Valutazzjoni tal-EDPB

39. Ix-Xenarju 1 jiddeskrivi miżuri tekniċi u organizzattivi li huma mfasla biex jiżguraw livell ta' sigurtà xieraq għar-riskji għas-suġġetti tad-*data* kif meħtieġ skont l-Artikoli 5(1)(f) u 32 tal-GDPR. Il-passiġġieri jiġu awtentikati (tqabbil 1:1), meta jgħaddu minn punti ta' kontroll speċifiċi fl-ajruport. F'dan ix-xenarju, l-operazzjoni ta' tqabbil prinċipali ssir fil-kuntest ta' ambjent ikkontrollat⁵⁴, fejn il-passiġġieri jkunu involuti b'mod attiv u jkollhom aktar kontroll fuq id-*data* tagħhom. B'mod partikolari, huma biss il-passiġġieri li jkunu taw il-kunsens tagħhom għal tali pproċessar li jiġu ċċekkjati u, peress li jiġu ċċekkjati f'pods apposta, id-*data* bijometrika ta' passiġġieri oħra li ma jkunux taw il-kunsens tagħhom għal tali pproċessar ma tinġabarx. Barra minn hekk, il-passiġġieri li jagħtu l-kunsens għandhom il-possibbiltà li jwaqqfu l-ipproċessar fi kwalunkwe mument billi jħassru d-*data* mill-apparat tagħhom.
40. L-użu tar-rikonoxximent tal-wiċċ ibbażat fuq mudell bijometriku maħżun biss f'idejn l-individwu, li jista', pereżempju, ikun fuq apparat individwali miżmum mill-passiġġier, taħt il-kontroll uniku tiegħu, użat għall-awtentikazzjoni f'punti ta' kontroll speċifiċi permezz ta' interfaċċa ddedikata, jippreżenta, taħt ċerti kundizzjonijiet, inqas riskji meta mqabbel mal-użu ta' *data* bijometrika fejn id-*data* tinħażen

⁵² Qafas għall-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji (minn hawn 'il quddiem "eIDAS") ibbażat fuq ir-Regolament (UE) 2024/1183 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 fir-rigward tal-istabbiliment tal-Qafas Ewropew għall-Identità Diġitali.

⁵³ Għall-finijiet ta' din l-Opinjoni, id-*data* ta' identifikazzjoni tindika *data*, bħall-kunjom, l-isem, id-data tat-twelid, eċċ., li għet ivverifikata bħala preċiża fir-rigward ta' dokument tal-identità jew ta' passaport.

⁵⁴ "Ambjent mhux ikkontrollat" tirreferi għall-użu tar-rikonoxximent tal-wiċċ għall-identifikazzjoni mingħajr l-involvement attiv tas-suġġetti tad-*data*, fejn il-mudell ta' kull wiċċ li jidhul fiż-żona ta' monitoraġġ jitqabbel ma' mudelli minn taqsima trasversali wiesgħa tal-popolazzjoni maħżuna f'bażi tad-*data*, ara l-Linji Gwida 05/2022 tal-EDPB dwar ir-rikonoxximent tal-wiċċ fl-infurzar tal-liġi, il-punt 17.

f'bażi tad-*data* centralizzata⁵⁵. Meta akkumpanjat minn salvagwardji xierqa⁵⁶, tali ħżin lokalizzat inaqqas is-severità tal-ksur tad-*data* personali meta mqabbel mal-ħżin ċentralizzat, fir-rigward tan-numru ta' individwi affettwati, u jiżgura li l-aċċess għall-mudell bijometriku jinvolvi involviment attiv tas-suġġett tad-*data*.

41. Barra minn hekk, it-tqabbil jista' jsir lokalment fl-ajruport, billi l-mudell bijometriku, pereżempju li jinsab fil-kodiċi QR, jitqabbel mal-output tal-mudell ikkalkulat abbażi tal-kampjun bijometriku miġbur mill-kamera tal-pod ta' kontroll. Ir-riżultat korrispondenti biss jiġi mgħarraf u użat mill-kontrollur li jwettaq verifika speċifika (dan jista' jkun operatur tal-ajruport jew kumpanija tal-ajru skont jekk dan isirx fil-punti ta' kontroll tas-sigurtà tal-ajruport, fil-post fejn jitħallew il-bagalji, fl-imbark u/jew fl-aċċess għas-sala tal-passiġġieri). Barra minn hekk, il-fatt li l-informazzjoni meħtieġa għat-tqabbil (eż. il-kodiċi QR) jeħtieġ li tingħata mill-individwu jaġixxi bħala t-tieni fattur⁵⁷ u b'hekk isaħħaħ is-sigurtà tal-awtentikazzjoni.
42. Fir-rigward tal-kompatibbiltà mal-Artikolu 25 tal-GDPR u b'mod partikolari sabiex ikun hemm konformità mar-rekwiżit tal-minimizzazzjoni tad-*data*, jenħtieġ li jiġi żgurat li l-ipproċessar jissodisfa l-prinċipju tan-neċessità. Fix-Xenarju 1 il-miżuri magħżula jistgħu jitqiesu li ssodisfaw il-prinċipju tan-neċessità fir-rigward tal-għan intenzjonat (jiġifieri s-simplifikazzjoni tal-fluss tal-passiġġieri) jekk, skont iċ-ċirkostanzi tal-ipproċessar, il-kontrollur ikun jista' juri li ma hemmx soluzzjonijiet alternattivi inqas intrużivi li jistgħu jiksbu l-istess objettiv b'mod effettiv. Pereżempju, il-kontrollur jista' jkun kapaċi juri li, anki jekk il-passiġġieri jkollhom juru l-apparat tagħhom, ix-Xenarju 1 iħaffef il-proċess ta' verifika meta mqabbel mas-sitwazzjoni kurrenti li tinkludi verifika umana dwar jekk l-isem fuq il-karta tal-imbarkazzjoni jaqbilx mad-dokument tal-identità tal-passiġġier⁵⁸. B'mod partikolari, dan ma setax jintwera jekk bħalissa ma sarux kontrolli biex tiġi vverifikata l-identità tal-passiġġieri abbażi tad-dokument tal-identità uffiċjali tagħhom (f'dan ir-rigward, ara l-punt 18 iktar 'il fuq).
43. Barra minn hekk, il-mudelli bijometriċi ma jinżammux mill-operatur tal-ajruport wara r-reġistrazzjoni u l-perjodu ta' żamma tad-*data* bijometrika mill-kontrollur li jwettaq il-verifika jkun qasir ħafna, peress li tali *data* titħassar hekk kif jitlestha t-tqabbil. Għalhekk, il-miżuri magħżula fix-Xenarju 1 jidhru li jillimitaw il-firxa tal-ipproċessar u l-perjodu ta' ħżin tad-*data* personali.
44. Fir-rigward tal-prinċipju tal-proporzjonalità, l-intrużività minn tali pproċessar tista' tiġi kontrobalanċjata bl-involviment attiv tal-passiġġieri, peress li d-*data* bijometrika tagħhom tinħażen f'idejhom biss. Barra minn hekk, b'kont meħud tal-miżuri deskritti hawn fuq u bis-suppożizzjoni li l-kontrollur jimplementa salvagwardji xierqa kif meħtieġ mill-ipproċessar speċifiku inkwistjoni, l-implimentazzjoni ta' miżuri xierqa tista' tiżgura livell ta' sigurtà xieraq għar-riskju. F'dak il-każ, l-impatt negattiv fuq id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġetti tad-*data* jista' jitqies bħala proporzjonali għall-benefiċċju antiċipat.

⁵⁵ Il-Linji Gwida 05/2022 tal-EDPB dwar ir-rikonossiment tal-wiċċ fl-infurzar tal-liġi, il-punt 17.

⁵⁶ Kif indirizzat hawn taħt mill-punt 46.

⁵⁷ Pereżempju, dan itaffi r-riskju ta' spoofing tal-identità. Ara wkoll is-salvagwardja C.1.2 hawn taħt.

⁵⁸ Jista' jiġi argumentat ukoll li l-verifika bijometrika tista' tkun inqas suxxettibbli għall-iżbalji milli meta mqabbla ma' kontroll uman.

45. Għaldaqstant, b'kont meħud ta' dan ta' hawn fuq, bi tweġiba għall-mistoqsija 1.1, il-Bord jikkonkludi li tali pproċessar **jista' jitqies bħala fil-prinċipju kompatibbli mal-Artikoli 5(1)(f), 25 u 32 tal-GDPR, soġġett għal salvagwardji xierqa.**

Salvagwardji xierqa

46. F'dan it-tip ta' xenarju, bi tweġiba għall-mistoqsija 1.2, l-EDPB iqis li mill-inqas jenħtieġ li jiġu implimentati s-salvagwardji li ġejjin. Salvagwardji oħra minbarra dawk deskritti f'din l-Opinjoni jistgħu jintużaw biex jintlaħqu l-istess għanijiet ta' sigurtà u protezzjoni tad-*data* u jistgħu jkunu legali sakemm jiżguraw il-konformità mal-qafas legali applikabbli.
47. Nota: din hija ħarsa ġenerali ta' livell għoli u mhux eżawrjenti tas-salvagwardji xierqa possibbli, li jenħtieġ li jiġu implimentati minn kontrollur f'soluzzjoni simili għax-Xenarju 1. L-adeqwatezza tagħhom skont l-Artikoli 25 u 32 tal-GDPR se tiddependi fuq analiżi każ b'każ. Il-kontrolluri kollha se jkollhom jiżguraw li jwettqu l-Valutazzjoni tal-Impatt fuq il-Protezzjoni tad-*Data* tagħhom stess (minn hawn 'il quddiem "DPIA")⁵⁹ u s-soluzzjonijiet speċifiċi tagħhom jistgħu jeħtieġu miżuri addizzjonali mhux inklużi f'din l-Opinjoni.

A. Ġenerali

A.1 Valutazzjoni tal-Impatt tal-Ipproċessar tad-*Data*

A.1.1 It-twettiq ta' DPIA, f'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 35 tal-GDPR, kull meta l-kontrollur jippjana operazzjoni ta' proċessar ġdida li tinvolvi pproċessar li x'aktarx jirriżulta f'riskju għoli. Dan x'aktarx li jkun il-każ tax-Xenarju 1, peress li jinvolvi l-ipproċessar ta' *data* bijometrika fuq skala kbira⁶⁰. L-evalwazzjoni tal-adeqwatezza tal-implimentazzjoni ta' sistema ta' rikonossiment tal-wiċċ, inklużi n-neċessità u l-proporzjonalità tagħha fir-rigward tal-għanijiet intenzjonati⁶¹, matul il-fażi bikrija tad-disinn u jirrieżaminaha matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-iżvilupp tal-prodott;

A.1.2 Il-konsultazzjoni mal-awtorità superviżorja rilevanti jekk l-ipproċessar ikun għadu jirriżulta f'riskju għoli minkejja l-miżuri meħuda mill-kontrollur biex itaffi r-riskju⁶².

A.2 Drittijiet tas-Suġġett tad-*Data* u s-salvagwardji li jistgħu jiġu implimentati mill-kontrolluri

A.2.1 Salvagwardji biex jiġu indirizzati każijiet ta' negattiv falz. Il-mitigazzjoni tar-riskju ta' preġudizzju marbut mal-età, mal-ġeneru u mar-razza billi "tivvaluta regolament jekk l-algoritmi humiex qed jiffunzjonaw f'konformità mal-iskopijiet u aġġusta l-algoritmi biex itaffi

⁵⁹ L-Artikolu 35 tal-GDPR.

⁶⁰ L-Artikolu 35(3) tal-GDPR u l-Linji Gwida tad-WP29 dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt fuq il-Protezzjoni tad-*Data* (DPIA, Data Protection Impact Assessment) u d-determinazzjoni ta' jekk l-ipproċessar "x'aktarx jirriżulta f'riskju għoli" għall-finijiet tar-Regolament 2016/679, adottati fit-13 ta' Ottubru 2017, WP248rev.01, approvati mill-EDPB.

⁶¹ L-Artikolu 35(7)b tal-GDPR.

⁶² L-Artikolu 36(1) tal-GDPR.

I-preġudizzji skoperti u tiżgura l-ġustizzja fl-ipproċessar⁶³. Pereżempju, bl-implimentazzjoni tas-sorveljanza u l-intervent tal-bniedem, sabiex jittaffa kwalunkwe preġudizzju u jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda stigmatizzazzjoni jew tfassil ta' profili tal-passiġġieri;

A.2.2 L-iżgurar li l-ipproċessar kollu tad-*data* personali jkun trasparenti u l-individwi jkunu konxji u fil-kontroll ta' kif tiġi pproċessata d-*data* tagħhom għal kull operazzjoni ta' proċessar⁶⁴;

A.2.3 L-iżgurar li jkun hemm fis-seħħ miżuri biex jikkonformaw mal-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop sabiex id-*data* ma tintużax għal skopijiet oħra, bħal skopijiet ta' sigurtà jew ta' taħriġ;

A.2.4 L-iżgurar li ma jinqabad l-ebda ritratt jew vidjo, anki jekk mhux irreġistrat u mhux ipproċessat, minn individwi li ma jagħtux kunsens għar-rikonoxximent tal-wiċċ permezz ta' miżuri xierqa (bħall-użu tal-intensità f'ċertu fond u taż-żona tal-qbid biex jiġi evitat li jinqabdu immaġnijiet minn passiġġieri oħra fl-isfond jew madwaru, l-użu ta' kjuwiziet dedikati ttikkettati b'mod ċar għar-rikonoxximent tal-wiċċ);

A.2.5 L-istennija għal azzjoni pożittiva minn passiġġieri li jagħti l-kunsens qabel ma jibda l-għid ta' ritratt jew ta' video, fejn l-istess pod jista' jintuża mill-passiġġieri li jagħtu l-kunsens tagħhom u ma jagħtux il-kunsens tagħhom għar-rikonoxximent tal-wiċċ, jew meta l-passiġġieri li ma jagħtux il-kunsens tagħhom għar-rikonoxximent tal-wiċċ jistgħu jidhru fil-kamp viżiv waqt li s-sistema ma tintużax;

A.2.6 Il-possibbiltà għal suġġett tad-*data*, li jwettaq it-tħassir tad-*data* li tkun f'idejh biss (mudell bijometriku⁶⁵), fi kwalunkwe ħin, kif miżmum f'applikazzjoni mobbli jew f'kartiera diġitali⁶⁶;

A.2.7 L-eżistenza ta' alternattivi vijabbli jew ta' soluzzjonijiet ta' riżerva (jiġifieri għall-passiġġieri li ma jagħtux il-kunsens tagħhom għall-użu tad-*data* bijometrika tagħhom, għall-passiġġieri li ma jkunux jistgħu jużaw tali soluzzjonijiet, jew għall-passiġġieri li jsofru rifjuti foloz) sabiex jiġi żgurat ukoll li l-passiġġieri li ma jagħtux il-kunsens tagħhom ma għandhomx jesperjenzaw xi detriment⁶⁷;

A.2.8 Jekk tintuża applikazzjoni, din jenħtieġ li tkun iddisinjata u kkonfigurata bir-reqqa sabiex ma tiġborx *data* mhux meħtieġa u biex jiġi evitat l-użu ta' kwalunkwe kit għall-iżvilupp ta' software ("SDK") ta' parti terza li jiġbor *data* għal skopijiet oħra.

⁶³ Il-Linji Gwida 4/2019 tal-EDPB dwar il-Protezzjoni tad-*Data* mid-Disinn u b'Mod Awtomatiku skont l-Artikolu 25, nota f'qiegħ il-paġna nru 60, il-punt 70.

⁶⁴ Il-Linji Gwida 4/2019 tal-EDPB dwar il-Protezzjoni tad-*Data* mid-Disinn u b'Mod Awtomatiku skont l-Artikolu 25, il-punt 68 u l-Premessa 7 tal-GDPR.

⁶⁵ Ir-referenzi għall-mudell bijometriku fis-salvagwardji għax-Xenarju 1 jikkorrispondu għar-referenzi għall-kjavi/għas-sigriet fix-Xenarju 2.

⁶⁶ Jekk jogħġbok innota li din is-salvagwardja tapplika biss għax-Xenarju 1.

⁶⁷ Il-Linji Gwida 3/2019 tal-EDPB dwar l-apparat video, il-punt 86.

A.3 Akkontabbiltà

A.3.1 Il-valutazzjoni ta' jekk jeżistux xi kodiċijiet ta' kondotta jew mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni rilevanti li jgħinu biex tintwera l-konformità mas-sigurtà tal-ipproċessar fl-Artikolu 32 tal-GDPR⁶⁸. Il-verifika tal-adegwatezza tal-miżuri għall-ipproċessar partikolari inkwistjoni. L-istandards⁶⁹, l-aħjar prattiki u l-kodiċijiet ta' kondotta, li huma rikonoxxuti minn assoċjazzjonijiet u minn korpi oħra li jirrappreżentaw kategoriji ta' kontrolluri, jistgħu jkunu ta' għajjnuna fid-determinazzjoni ta' miżuri xierqa;

A.3.2 L-iżgurar li jitwettqu kontrolli bażiċi tas-sigurtà fuq l-apparat tal-utenti biex tkun tista' ssir il-fażi ta' reġistrazzjoni, minkejja li l-passiġġier għandu wkoll rwol fil-protezzjoni tad-*data* tiegħu peress li din tinħażen fuq l-apparat tiegħu. L-eżempji ta' tali verifiki u kontrolli tekniċi huma ppreżentati hawn taħt fit-Taqsima C.2 "Infrastruttura u network".

B. Organizzazzjoni:

B.1 Politika u konformità

B.1.1. L-iżgurar li l-kontrolli tal-aċċess intern ikunu fis-seħħ⁷⁰ b'regoli għall-amministraturi;

B.1.2 Meta s-servizz ta' rikonoxximent tal-wiċċ jista' jiġi pprovdut minn waħda mill-partijiet involuti fl-ipproċessar mingħajr ID jew bijometrika, jew iż-żewġ tipi, ta' *data*, li għandha tiġi ttrattata mill-partijiet l-oħra involuti, tipprojbixxi dik id-*data* milli tgħaddi minn dawk il-partijiet l-oħra. Pereżempju, kumpanija tal-ajru ma għandhiex bżonn taċċessa teknikament id-*data* bijometrika meta tiddependi fuq l-infrastruttura komuni tal-ajruport, anki jekk din il-kumpanija tal-linja tal-ajru taġixxi bħala l-kontrollur tal-ipproċessar skont il-GDPR;

B.1.3 Definizzjoni ta' politika għall-kriptaġġ u l-ġestjoni tal-kjavi⁷¹, pereżempju għall-ipproċessar ta' *data* tal-identità u ta' *data* bijometrika;

B.1.4 Żgurar tal-konformità mal-Kapitolu V tal-GDPR. Pereżempju, biex jiġu żgurati trasferimenti konformi jekk il-kontrollur juża servizz mill-bogħod matul il-proċess ta' reġistrazzjoni li huwa bbażat f'pajjiż terz;

B.1.5 Meta jintużaw il-proċessuri, ikun hemm fis-seħħ ftehim ta' pproċessar⁷² f'konformità mal-Artikolu 28(3) tal-GDPR;

⁶⁸ L-Artikolu 32(3) tal-GDPR u l-Linji Gwida 4/2019 tal-EDPB dwar il-Protezzjoni tad-*Data* mid-Disinn u b'Mod Awtomatiku skont l-Artikolu 25, il-punt 10.

⁶⁹ Ara, pereżempju, ISO/IEC 2382–37.

⁷⁰ Il-Linji Gwida 04/2020 dwar l-użu ta' *data* ta' lokalizzazzjoni u għodod għat-traċċar ta' kuntatti fil-kuntest tat-tifqigħa COVID-19, adottati fil-21 ta' April 2020 (minn hawn 'il quddiem il-"**Linji Gwida 04/2020 tal-EDPB dwar id-*data* ta' lokalizzazzjoni u l-għodod għat-traċċar tal-kuntatti**"), SEC-10, p. 16.

⁷¹ Il-Linji Gwida 3/2019 tal-EDPB dwar l-apparat video, il-punt 89.

⁷² L-Artikolu 28(3) tal-GDPR.

B.1.6 Żgurar li jkun hemm fis-seħħ proċeduri għall-ġestjoni tas-sorveljanza u l-intervent uman, b'mod partikolari biex jiġu ttrattati kwistjonijiet foloz ta' rifjut u kwistjonijiet tekniċi jew ta' użu.

B.2 Taħriġ u ttestjar

B.2.1. Żgurar li l-persunal jitħarreġ b'mod xieraq;

B.2.2 Implimentazzjoni ta' "proċess sabiex tiġi ttestjata, ivvalutata u evalwata l-effikaċja tal-miżuri tekniċi u organizzattivi li jiżguraw is-sigurtà tal-ipproċessar"⁷³;

B.2.3. L-implimentazzjoni ta' proċess biex jiġi żgurat li l-ipproċessar tal-mudell bijometriku⁷⁴ tal-passiġġier għall-awtentikazzjoni huwa teknikament effettiv u preċiż biżżejjed;

B.2.4. L-iżgurar li l-kampjuni bijometriċi miġbura kemm waqt ir-reġistrazzjoni kif ukoll fil-punt ta' kontroll huma ta' kwalità suffiċjenti biex jitwettaq ipproċessar bijometriku affidabbli.

C. Tekniċi:

C.1 Aċċess

C.1.1 L-implimentazzjoni ta' salvagwardji matul il-fażi ta' reġistrazzjoni biex jiġi żgurat proċess ta' reġistrazzjoni ta' bootstrapping b'identità vverifikata. Pereżempju, biex tissaħħaħ il-valutazzjoni tal-identitajiet tal-utenti permezz ta' awtentikazzjoni b'diversi fatturi, jistgħu jiġu implimentati passi, li jvarjaw minn links ta' darba protetti b'password biex tiġi attivata l-app, sa mekkaniżmi ta' żblukkar tal-apparat lokali;

C.1.2 L-implimentazzjoni ta' salvagwardji biex jiġu indirizzati każijiet ta' pożittivi foloz, attakki ta' preżentazzjoni u prevenzjoni kontra l-frodi⁷⁵;

C.1.3 Il-projbizzjoni ta' kwalunkwe aċċess estern għall-ID u għad-*data* bijometrika⁷⁶;

C.1.4 L-iżgurar li l-ipproċessar isir lokalment fil-fażijiet ta' reġistrazzjoni, ta' trażmissjoni u ta' tqabbil. Jenħtieġ li l-punt ta' tqabbil ikun kemm jista' jkun qrib l-apparat tal-individwu. L-iffaċilitar tat-tqabbil tal-mudell fi ħdan l-apparat individwali jista' jirrikjedi interazzjoni mal-fornituri tas-servizzi li jinsabu barra mill-ajruport u li jinvolvi l-użu ta' riżorsi tan-network pubbliku, bl-iżvantaġġ li jħalli impatt fuq id-disponibbiltà u t-tixrid tal-mudell lil entitajiet esterni;

⁷³ L-Artikolu 32(1)(d) tal-GDPR.

⁷⁴ Ir-referenzi għall-mudell bijometriku fis-salvagwardji għax-Xenarju 1 jikkorrispondu għar-referenzi għall-kjavi/għas-sigriet fix-Xenarju 2.

⁷⁵ Ir-rapport tal-ENISA dwar l-Identità Diġitali dwar l-ingranaġġ tal-Kunċett ta' Identità Sovrana (SSI) biex Tinbena Fiducia ta' Jannar 2022.

⁷⁶ Il-Linji Gwida 3/2019 tal-EDPB dwar l-apparat video, il-punt 89.

C.1.5 L-awtentikazzjoni ta' utent biex iżid titjira ġdida u jiġġenera kodiċi QR ġdid kriptat;

C.1.6 Miżuri ta' implimentazzjoni biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni fejn passiġġier jista' jitlef l-aċċess għall-kodiċi QR tiegħu.

C.2 Infrastruttura u network

C.2.1 Il-kundizzjonijiet dwar is-sistema operattiva ("OS", operating system) jinżammu aġġornati u l-awtentikazzjoni tkun attivata għall-aċċess għall-apparat għall-applikazzjoni/kartiera diġitali biex taħdem, inkluż bit-tħassir awtomatiku tal-ID u tad-*data* bijometrika jekk l-OS ikun skadut u joħloq riskji għas-sigurtà;

C.2.2 L-iżolament ta' unitajiet ta' tqabbil (jiġifieri l-pods) min-network meta joperaw u jieħdu l-miżuri l-oħra kollha meħtieġa biex jiżguraw is-sigurtà;

C.2.3 Tqabbil bijometriku fuq l-apparat tal-passiġġier jew il-pod (edge computing);

C.2.4 Soluzzjonijiet biex jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet tas-sigurtà tal-apparati individwali tal-passiġġieri inkluż il-kriptaġġ tad-(bħala minimu) *data* bijometrika u tal-ID waqt li jkunu weqfin;

C.2.5 L-użu tal-ħżin sigur għal (mill-inqas) *data* bijometrika li tkun għad-dispożizzjoni tal-utent biss⁷⁷, pereżempju bl-użu ta' enklava sigura fuq smartphone;

C.2.6 Salvagwardji tas-sigurtà biex tiġi żgurata s-sigurtà fiżika tal-bini, inkluż it-terminal bijometriku tal-ajruport. L-iżgurar ta' livell għoli ta' sigurtà għall-elementi tal-arkitettura li jipproċessaw (eż. komputazzjoni, fluss tad-*data*, ħżin tranżitorju jew fit-tul) l-ID u d-*data* bijometrika.

C.3 Sigurtà u ġestjoni tad-*data* tal-kontroll tal-identità tal-utent

C.3.1 Kompartimentalizzazzjoni tad-*data* matul it-trażmissjoni u l-ħżin f'mill-inqas tliet gruppi differenti, bħal: Dettalji tal-ID, bijometriċi u tat-titjira⁷⁸. L-iżgurar li d-*data* tkun kriptata b'mod xieraq bejn it-trażmissjoni u l-ħżin;

C.3.2 Stabbiliment ta' miżuri tekniċi biex jiġi żgurat li d-*data* li tista' tiġi pproċessata legalment f'punti ta' kontroll speċifiċi biss qed tiġi pproċessata u vverifikata fil-punt ta' kontroll;

C.3.3 Żgurar tal-effettività tat-tħassir tad-*data*⁷⁹ permezz ta' proċedura ta' tħassir sigura (pereżempju, il-memorja ewlenija, il-cache, backups potenzjali) u l-valutazzjoni ta' meta t-tħassir tad-*data* jenħtieġ li jiġi awtomatizzat. Il-perjodi tal-ħżin tad-*data* jenħtieġ li jiġu

⁷⁷ Ir-referenzi għall-mudell bijometriku fis-salvagwardji għax-Xenarju 1 jikkorrispondu għar-referenzi għall-kjavi/għas-sigriet fix-Xenarju 2.

⁷⁸ Il-Linji Gwida 3/2019 tal-EDPB dwar l-apparat video, il-punt 89.

⁷⁹ Il-Linji Gwida 3/2019 tal-EDPB dwar l-apparat video, il-punt 89.

infurzati b'mod strett permezz ta' rutini awtomatiċi mingħajr il-ħtieġa ta' azzjoni supplimentari mill-individwu⁸⁰;

C.3.4 L-iżgurar tal-awtentività u tal-integrità tad-*data* (pereżempju, il-firma)⁸¹;

C.3.5 Iż-żamma tad-*data* bijometrika tal-passiġġieri fil-punt tar-reġistrazzjoni u fil-punt ta' kontroll biss għal perjodu qasir ħafna u t-tħassir tagħha hekk kif il-passiġġier jgħaddi mill-punt ta' kontroll;

C.3.6 L-applikazzjoni ta' standards tas-sigurtà għas-sigurtà tal-applikazzjoni mobbli matul l-iżvilupp tal-applikazzjoni, kif ukoll testijiet tas-sigurtà minn parti terza, jekk applikazzjoni tintuża għar-reġistrazzjoni;

C.3.7 L-iżgurar li l-miżuri ta' sigurtà jkunu fis-seħħ matul il-fażi ta' reġistrazzjoni fl-ajruport biex jiġu ppreservati l-kunfidenzjalità u l-integrità tad-*data* bijometrika tal-passiġġier. Pereżempju, jekk il-kodiċi QR huwa stampat mill-kjosk, il-kodiċi QR ma għandux jintwera fil-kjosk biex jiġi evitat li attur malizzjuż jieħu ritratt. F'każijiet ta' trażmissjoni fuq medda qasira, it-trażmissjoni jenħtieġ li titwettaq abbażi tal-involvement attiv tal-utent u permezz ta' kanal li jiżgura l-prossimità;

C.3.8 Id-*data* li hija biss f'idejn l-individwu⁸² jenħtieġ li tinżamm fi ħżin sikur fuq l-apparat tal-individwu u kwalunkwe vulnerabbiltà possibbli relatata mas-sistemi operattivi tal-apparat jeħtieġ li tgħaddi mill-patches tas-sigurtà xierqa. Fil-każ ta' kodiċi QR stampat, l-individwu jenħtieġ li jkun konxju tan-natura tad-*data* sensittiva partikolari li fih u dak li jippermetti li jwettaq;

C.3.9 L-iżgurar li r-reġistrazzjoni ssir wara t-tekniki adegwati ta' prova tal-identità remota⁸³.

3.2.2 *Xenarju 2: ħżin ċentralizzat ta' mudell bijometriku rreġistrat f'forma kriptata fl-ajruport u bi kjavi/b'sigriet f'idejn il-passiġġieri biss, għall-awtentikazzjoni*

48. Din it-taqsimha teżamina l-kompatibbiltà mal-Artikoli 5(1)(e) u (f), u mal-Artikoli 25 u 32 tal-GDPR dwar il-ħżin ċentralizzat, għall-awtentikazzjoni, ta' mudelli bijometriċi rreġistrati tal-passiġġieri f'bażi tad-*data* ċentralizzata, f'forma kriptata u bi kjavi/b'sigriet miżmum biss f'idejn il-passiġġier⁸⁴ (minn hawn 'il quddiem "**Xenariju 2**"). Din it-taqsimha teżamina wkoll is-salvagwardji xierqa għax-Xenarju 2, fid-dawl tal-Artikoli 25 u 32 tal-GDPR.

⁸⁰ Il-Linji Gwida 4/2019 tal-EDPB dwar il-Protezzjoni tad-*Data* mid-Disinn u b'Mod Awtomatiku skont l-Artikolu 25, il-punt 82.

⁸¹ Il-Linji Gwida 3/2019 tal-EDPB dwar l-apparat video, il-punt 89.

⁸² Ir-referenzi għall-mudell bijometriku fis-salvagwardji għax-Xenarju 1 jikkorrispondu għar-referenzi għall-kjavi/għas-sigriet fix-Xenarju 2.

⁸³ Ara r-Rapport tal-ENISA dwar il-Prova tal-Identità Remota: Analiżi tal-metodi biex titwettaq il-prova tal-identità remota, Marzu 2021.

⁸⁴ Kif muri mill-każ ta' użu 2 fl-Anness I tat-Talba.

Deskrizzjoni tax-Xenarju

49. Fix-Xenarju 2, ir-reġistrazzjoni ssir darba biss, għal perjodu ta' validità partikolari (pereżempju, sena wara l-aħħar titjira, meħuda sal-iskadenza tal-validità tal-passaport), jew mill-bogħod fil-livell xieraq ta' assigurazzjoni tal-identità (eż. il-livell xieraq ta' assigurazzjoni tal-eIDAS) jew fit-terminals tal-ajruporti. Ir-reġistrazzjoni hija kkontrollata mill-operatur tal-ajruport u tikkonsisti mill-ġenerazzjoni ta' *data* tal-identità u bijometrika li hija kriptata bi kjavi/b'sigriet.
50. Il-bażi tad-*data* tinħażen fil-bini tal-ajruport, taħt il-kontroll tal-operatur tal-ajruport. Il-kjavi/is-sigriet ta' kriptaġġ speċifiċi għall-individwu jinħażnu biss fuq l-apparat tal-individwu (pereżempju fl-applikazzjoni mobbli tal-operatur tal-ajruport). L-app tista' tiġġenera kodiċi QR li jkun fih il-kjavi/is-sigriet, li jista' jiġi stampat jew fuq il-karta jew muri fuq l-iskrin tal-apparat⁸⁵. Barra minn hekk, it-tieni saff ta' kriptaġġ⁸⁶ isir mill-operatur tal-ajruport bi kjavi kkontrollati mill-operatur tal-ajruport.
51. Il-passiġġieri jiġu awtentikati (tqabbil 1:1), meta jgħaddu minn punti ta' kontroll speċifiċi fl-ajruport. Il-passiġġieri li jaġġzlu li jgħaddu mill-punti ta' kontroll bijometriċi juru l-kodiċi QR tagħhom lil pod ta' kontroll dedikat mgħammar bi skener QR u kamera. L-indiċi tal-passiġġier jintbagħat fil-bażi tad-*data* biex jintalab il-mudell kriptat li jitniżżel u jiġi ċċekkjat lokalment fuq il-pod u/jew l-apparat tal-utent. Ir-riżultat tat-tqabbil biss huwa magħruf u użat mill-kontrollur tal-punt ta' kontroll⁸⁷.
52. F'dan ix-Xenarju, ma hemmx flussi ta' *data* tal-identità u bijometrika bejn l-ajruporti, la b'interkonnnessjoni u lanqas interoperabbiltà bejn il-bażijiet tad-*data* ċentralizzati.

Valutazzjoni tal-EDPB

53. Fix-Xenarju 2, il-mudelli bijometriċi rreġistrati tal-passiġġieri jinħażnu b'mod ċentralizzat, iżda f'forma kriptata u bi kjavi/b'sigriet miżmum biss f'idejn il-passiġġieri. Fix-Xenarju 2, il-passiġġieri jiġu awtentikati (tqabbil 1:1).
54. F'dan ix-xenarju, qed jiġi propost li l-għan li jiġi ssimplifikat il-fluss tal-passiġġieri (jiġifieri, billi tiżdied il-veloċità tal-kontrolli) jista' jinkiseb bl-użu ta' sistema ċentralizzata. L-EDPB preċedentement innota li tali soluzzjoni tista' titqies bħala alternattiva vijabbli għall-ħżin deċentralizzat tal-mudelli bijometriċi rreġistrati⁸⁸ (kif deskritt fix-Xenarju 1), jekk fil-preżenza ta' ħtiġijiet oġġettivi u bl-użu ta' salvagwardji xierqa (ara s-salvagwardji deskritti fil-punt 60 hawn taħt).
55. F'termini ta' kunsiderazzjonijiet ta' sigurtà, id-*data* ta' kull individwu hija kriptata bi kjavi speċifika miżmuma biss mill-individwu u fil-kontroll esklużiv tiegħu. Barra minn hekk, il-fatt li l-informazzjoni meħtieġa għat-tqabbil (jiġifieri s-sigriet/il-kjavi) jeħtieġ li tingħata mill-individwu jaġixxi bħala t-tieni fattur⁸⁹ u b'hekk isaħħaħ is-sigurtà tal-awtentikazzjoni. Barra minn hekk, it-tieni saff ta' kriptaġġ isir mill-operatur tal-ajruport bi kjavi kkontrollati mill-operatur tal-ajruport. Fix-Xenarju 2, l-indiċi tal-

⁸⁵ L-AS Franċiża ċċarat aktar li jista' jkun hemm ukoll soluzzjonijiet tekniċi oħra biex tintbagħat l-informazzjoni meħtieġa, bħal bl-użu ta' protokoll ta' komunikazzjoni fuq medda qasira.

⁸⁶ Il-kjavi/is-sigriet (f'idejn l-individwu) huwa hu stess kriptat bi kjavi oħra miżmuma mill-operatur tal-ajruport.

⁸⁷ L-AS Franċiża ċċarat li dan il-perjodu ta' ħżin huwa illustrattiv u jista' jitqies aċċettabbli minħabba li l-kjavi tinżamm f'idejn l-individwi u tista' tintgħażel fil-fażi ta' reġistrazzjoni. Madankollu, jenħtieġ li jiġi nnotat li perjodu ta' ħżin bħal dan jista' jiġi aġġustat.

⁸⁸ Il-Linji Gwida 3/2019 tal-EDPB dwar l-apparat video, il-punt 88.

⁸⁹ Pereżempju, dan itaffi r-riskju ta' spoofing tal-identità. Ara wkoll is-salvagwardja C.1.2.

individwu jintbagħat fil-bażi tad-*data* ċentrali sabiex tinkiseb id-*data* bijometrika assoċjata mal-individwu. Din id-*data* mbagħad tintbagħat (kriptata) lil kompjuter lokalizzat fil-punt ta' kontroll fejn tiġi dekriptata sabiex jitwettaq it-tqabbil u r-riżultat tat-tqabbil biss huwa magħruf u użat mill-kontrollur tal-punt ta' kontroll. Dment li l-kjavi/is-sigriet tal-individwu jinżamm fil-kompjuter lokalizzat fil-punt ta' kontroll u li jintbagħat biss indiċi ta' passiġġieri lill-bażi tad-*data* ċentrali biex jiġi rkuprat il-mudell bijometriku kriptat, tali miżuri ta' sigurtà jistgħu għalhekk jitqiesu kompatibbli mal-Artikoli 5(1)(f) u 32 tal-GDPR.

56. Fir-rigward tal-kompatibbiltà mal-Artikolu 25 tal-GDPR, u b'mod partikolari sabiex ikun hemm konformità mar-rekwiżit tal-minimizzazzjoni tad-*data*, jenħtieġ li jiġi żgurat li l-ipproċessar jissodisfa l-prinċipju tan-neċessità. Fix-Xenarju 2, il-miżuri magħżula jistgħu jitqiesu li ssodisfaw il-prinċipju tan-neċessità fir-rigward tal-għan intenzjonat (jiġifieri, is-simplifikazzjoni tal-fluss tal-passiġġieri fl-ajruporti) jekk, skont iċ-ċirkostanzi tal-ipproċessar, il-kontrollur ikun jista' juri li ma hemmx soluzzjonijiet alternattivi inqas intrużivi li jistgħu jilhq u l-istess objettiv b'mod effettiv. Fix-Xenarju 2 il-passiġġieri xorta jkollhom juru l-apparat tagħhom⁹⁰. Madankollu, il-kontrollur jista' jkun kapaċi juri li x-Xenarju 2 iħaffef il-proċess ta' verifika meta mqabbel mas-sitwazzjoni attwali li tinkludi verifika umana dwar jekk l-isem fuq il-karta tal-imbarkazzjoni jaqbilx mad-dokument tal-identità tal-passigġieri⁹¹ jew meta mqabbel max-Xenarju 1. B'mod partikolari, dan ma setax jintwera jekk bħalissa ma sarux kontrolli biex tiġi vverifikata l-identità tal-passiġġieri abbażi tad-dokument tal-identità uffiċjali tagħhom (f'dan ir-rigward, ara l-punt 18 iktar 'il fuq).
57. Fir-rigward tal-prinċipju tal-proporzjonalità, l-intrużività minn tali pproċessar tista' tiġi kontrobalanċjata bl-involvement attiv tal-passiġġieri, li għandhom taħt il-kontroll tagħhom biss il-kjavi għad-*data* kriptata tagħhom. Barra minn hekk, jidher li r-riskji għas-sigurtà li jirriżultaw mill-ħżin tad-*data* bijometrika tal-passiġġieri f'bażi tad-*data* ċentralizzata u bil-kjavi f'idejn il-passiġġieri biss jistgħu jittaffew bl-użu ta' salvagwardji xierqa (ara s-salvagwardji indirizzati fil-punt 60 hawn taħt). Għaldaqstant, jekk wieħed jassumi li l-kontrollur jimplimenta salvagwardji xierqa kif meħtieġ mill-ipproċessar speċifiku inkwistjoni, ir-riskji għall-individwi jistgħu jittaffew u l-impatt negattiv fuq id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġetti tad-*data* jista' jitqies bħala proporzjonali għall-benefiċċju antiċipat. Naturalment, f'kull każ jenħtieġ li jiġi żgurat li tiġi pproċessata biss id-*data* meħtieġa għall-iskop u li jiġu ċċekkjati biss il-passiġġieri li jkunu taw il-kunsens tagħhom, u għalhekk ma hemm l-ebda riskju li tinġabar *data* bijometrika ta' passiġġieri oħra, li ma jkunux taw il-kunsens tagħhom.
58. Fit-Talba, huwa ddikjarat bħala eżempju li, fix-Xenarju 2, il-perjodu ta' ħżin tad-*data* kriptata fil-bażi tad-*data* jista' tipikament ikun sena wara l-aħħar titjira meħuda mill-individwu u sal-iskadenza tal-validità tal-passaport. Ma għet ipprovduta l-ebda informazzjoni fit-Talba sabiex jiġi ssostanzjat perjodu daqshekk twil abbażi ta' raġunijiet oġġettivi, għalkemm jista' jiġi preżunt li tali perjodu ta' ħżin huwa previst għal finijiet ta' konvenjenza għal titjiriet futuri. F'termini tal-perjodu tal-ħżin, sabiex tinkiseb kompatibbiltà mal-Artikolu 5(1)(e) tal-GDPR f'dan ix-xenarju, il-kontrolluri għandhom ikunu jistgħu jiġġustifikaw għaliex dan il-perjodu ta' żamma huwa meħtieġ għall-fini f'każijiet speċifiċi. Il-Bord

⁹⁰ L-AS Franċiża ċċarat aktar li jista' jkun hemm ukoll għażliet oħra biex jiġi ppreżentat mudell, eż. stampat fuq il-karta. Barra minn hekk, l-EDPB jirrikonoxxi li fil-futur jista' jkun previst li tintuża teknoloġija alternattiva, eż. abbażi ta' sistema ta' komunikazzjoni b'kamp fil-qrib.

⁹¹ Jista' jiġi argumentat ukoll li l-verifika bijometrika tista' tkun inqas suxxettibbli għall-iżbalji milli meta mqabbla ma' kontroll uman.

jirrakkomanda li l-kontrolluri jipprevedu l-iqsar perjodu ta' ħżin possibbli, filwaqt li jitqiesu wkoll il-passiġġieri li jtiru rarament biss, u joffru lis-suġġetti tad-*data* biex jistabbilixxu l-perjodu ta' ħżin preferut tagħhom.

59. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, bi tweġiba għall-mistoqsija 2.1.1, il-Bord jikkonkludi li tali proċessar **jista' jitqies bħala kompatibbli fil-prinċipju mal-Artikoli 5(1)(e), 5(1)(f), 25 u 32 tal-GDPR, soġġett għal salvagwardji xierqa.**

Salvagwardji xierqa

60. F'dan it-tip ta' xenarju, bi tweġiba għall-mistoqsija 2.1.2, il-Bord iqis li, **minbarra s-salvagwardji elenkati fix-Xenarju 1**, jenħtieġ li jiġu implimentati mill-inqas is-salvagwardji li ġejjin. Salvagwardji oħra minbarra dawk deskritti f'din l-Opinjoni jistgħu jintużaw biex jinkisbu l-istess għanijiet ta' sigurtà u protezzjoni tad-*data* u jistgħu jkunu legali sakemm jiżguraw il-konformità mal-oqfsa legali applikabbli.
61. *Nota: din hija ħarsa ġenerali ta' livell għoli u mhux eżawrjenti tas-salvagwardji xierqa possibbli, li jistgħu jiġu implimentati minn kontrollur f'soluzzjoni simili għax-Xenarju 2. L-adeqwatezza tagħhom skont l-Artikoli 25 u 32 tal-GDPR se tiddependi fuq analiżi każ b'każ. Il-kontrolluri kollha se jkollhom jiżguraw li jwettqu d-DPIA tagħhom stess u s-soluzzjonijiet speċifiċi tagħhom jistgħu jeħtieġu miżuri addizzjonali mhux inklużi f'din l-Opinjoni.*

D. Ġenerali

D.1 Drittijiet tas-suġġetti tad-*data* u s-salvagwardji li jistgħu jiġu implimentati mill-kontrolluri

D.1.1 L-iżgurar li l-passiġġier ikollu kontroll fuq il-perjodi tal-ħżin tad-*data* għad-*data* kollha tiegħu. Il-perjodi tal-ħżin jenħtieġ li jkunu limitati għal dak li huwa meħtieġ għall-iskop speċifiku. Jenħtieġ li jiġi stabbilit perjodu massimu bħala riżultat ta' analiżi bir-reqqa ta' fatturi bħall-validità tad-dokument ta' identifikazzjoni. Is-suġġetti tad-*data* jenħtieġ li jiġu offruti biex jistabbilixxu l-perjodu ta' ħżin preferut tagħhom, li jista' jkun iqsar mill-perjodu ta' ħżin prestabbilit;

D.1.2 Il-possibbiltà għal suġġett tad-*data* fi kwalunkwe ħin li jitlob it-tħassir tad-*data* li tinsab biss f'idejh (kjavi/sigriet) kif miżmuma f'applikazzjoni mobbli jew f'kartiera diġitali⁹²;

D.1.3 L-iżgurar tal-lokalizzazzjoni tal-bażi tad-*data* ċentrali tippermetti superviżjoni effettiva mill-awtorità superviżorja kompetenti.

E. Organizzazzjoni:

E.1 Politika u konformità

⁹² Jekk jogħġbok innota li din is-salvagwardja tapplika biss għax-Xenarju 2.

E.1.1 Il-fiduċja fis-server ċentrali trid tkun limitata. L-iżgurar tal-ġestjoni tas-server ċentrali ssegwi regoli ta' governanza definiti b'mod ċar u tinkludi l-miżuri kollha meħtieġa biex tiġi żgurata s-sigurtà tiegħu⁹³.

F. Tekniċi:

F.1 Aċċess

F.1.1 Iż-żamma ta' reġistri ta' min għandu aċċess għad-*data* personali, b'mod partikolari l-ID u d-*data* bijometrika, u meta ġiet aċċessata;

F.2 Infrastruttura u network

F.2.1 Sikurezza xierqa tal-bażi tad-*data* ċentrali, inkluż kontra attakki ta' disponibbiltà;

F.2.2 L-iżgurar li ma jkun hemm l-ebda konnessjoni tal-internet mal-bażi tad-*data* ċentrali, mal-pods ta' reġistrazzjoni u mal-unitajiet ta' tqabbil. It-tħaddim u l-manutenzjoni ta' dawn is-sistemi (eż. backup, patching, monitoraġġ, eċċ.) għandhom jitwettqu lokalment fil-bini tal-ajruport.

F.3 Sigurtà u ġestjoni tad-*data*

F.3.1 L-implimentazzjoni ta' tekniki kriptografiċi tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku biex jiġu żgurati skambji bejn l-applikazzjoni u s-server ċentralizzati⁹⁴;

F.3.2 Iż-żamma tal-kjavi/tas-sigriet individwali fil-livell fejn se jintuża għad-dekriptaġġ (jiġifieri fil-pod) u l-użu tal-indiċi biss biex jiġi rkuprat il-mudell bijometriku rreġistrat korrispondenti fil-bażi tad-*data* ċentrali;

F.3.3 L-iżgurar tal-interkambju tal-kjavi/tas-sigriet bejn l-apparat tal-utent u l-pod jipproteġi l-komunikazzjoni kontra kwalunkwe tismigħ sigriet jew trażmissjoni possibbli lil partijiet terzi;

F.3.4 L-indiċjar tal-mudell bijometriku meta jinħażen fil-bażi tad-*data* ċentrali biex tkun permessa l-awtentikazzjoni 1:1 u l-iżgurar li jkun uniku u relatat mal-individwu. L-iżgurar li l-indiċi ma jiżvela l-ebda informazzjoni dwar l-ID tal-passiġġier u ma jkunx korrelat mal-kjavi kriptografika;

⁹³ Il-Linji Gwida 04/2020 tal-EDPB dwar id-*data* ta' lokalizzazzjoni u l-għodod għat-traċċar tal-kuntatti, PRIV-5, p. 17.

⁹⁴ Il-Linji Gwida 4/2020 tal-EDPB dwar id-*data* ta' lokalizzazzjoni u l-għodod għat-traċċar tal-kuntatti, SEC-4 p. 16: "Eżempji ta' tekniki li jistgħu jintużaw jinkludu pereżempju: kriptaġġ simetriku u asimetriku, funzjonijiet hash, test tas-sħubija privata, intersezzjoni tas-sett privat, filtri Bloom, irkupru ta' informazzjoni privata, kriptaġġ omorfiku".

F.3.5 L-awtentikazzjoni u l-kriptaġġ xierqa ta' kwalunkwe trażmissjoni bejn il-bażi tad-*data* ċentrali u l-punti ta' kontroll u t-tqegħid tagħha fuq networks iżolati;

F.3.6 L-evitar ta' rabtiet bidirezzjonali bejn settijiet ta' *data* (*data* tal-ID u bijometrika, kif ukoll id-dettalji tat-titjira) u ż-żamma ta' rabtiet unidirezzjonali rilevanti biss fil-bażi tad-*data*. Pereżempju, ir-rabtiet unidirezzjonali biss mill-indiċi għall-ID, mill-indiċi għad-*data* bijometrika kriptata, u mill-indiċi għad-dettalji tat-titjira;

F.3.7 L-iżgurar ta' arranġamenti ta' kontinwità tan-negożju, pereżempju billi jkun hemm sistemi tal-ħżin ta' riżerva fis-seħħ;

F.3.8 L-iżgurar li l-pod ma jżommx reġistri tal-mudelli kriptati jew mhux kriptati.

3.2.3 Ħżin ċentralizzat tal-mudelli bijometriċi rreġistrati għall-identifikazzjoni

62. Din it-taqsimha teżamina l-kompatibbiltà mal-Artikoli 5(1)(e) u (f), u mal-Artikoli 25 u 32 tal-GDPR tal-ħżin ċentralizzat, għall-identifikazzjoni, tal-mudelli bijometriċi rreġistrati tal-passiġġieri, fejn tali mudelli ma jkunux kriptati bi kġavi/b'sigriet miżmum biss f'idejn il-passiġġieri, f'żewġ każijiet ta' użu: (1) meta tali mudelli jinħażnu f'bażi tad-*data* fl-ajruport, taħt il-kontroll tal-operatur tal-ajruport⁹⁵ (minn hawn 'il quddiem "**Xenarju 3.1**"), u (2) meta tali mudelli jinħażnu fil-cloud, taħt il-kontroll tal-kumpanija tal-ajru⁹⁶ (minn hawn 'il quddiem "**Xenarju 3.2**").
63. Il-Bord iqis li l-użu tad-*data* bijometrika għal finijiet ta' **identifikazzjoni** f'bażijiet tad-*data* ċentrali kbar jinterferixxi mad-drittijiet fundamentali tas-suġġetti tad-*data* u jista' possibbilment jinvolvi konsegwenzi serji għas-suġġetti tad-*data*⁹⁷. Barra minn hekk, l-użu tad-*data* bijometrika jenħtieġ li jiġi eżaminat ukoll fir-rigward tal-għan li għalih tiġi pproċessata, fid-dawl tal-prinċipji tan-neċessità u tal-proporzjonalità⁹⁸.

3.2.3.1 Xenarju 3.1: ħżin ċentralizzat f'bażi tad-*data* fl-ajruport, taħt il-kontroll tal-operatur tal-ajruport

Deskrizzjoni tax-Xenarju

64. Fix-Xenarju 3.1, il-mudell bijometriku rreġistrat tal-passiġġieri jinħażen f'bażi tad-*data* ċentrali fil-bini tal-ajruport u taħt il-kontroll tal-operatur tal-ajruport f'forma kriptata. B'mod partikolari, id-*data* tal-passiġġieri hija kompartmentalizzata, li jfisser li d-*data* tal-ID tagħhom, il-mudell bijometriku rreġistrat u l-informazzjoni dwar it-titjira jinħażnu fi tliet bażijiet tad-*data* differenti. Tali *data* hija kriptata bi

⁹⁵ Kif muri mill-każ ta' użu 3A fl-Anness I tat-Talba.

⁹⁶ Kif muri mill-każ ta' użu 3B tal-Anness I tat-Talba.

⁹⁷ Pereżempju, ara l-Opinjoni 3/2012 tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar it-teknoloġiji bijometriċi, p. 8. Ara wkoll il-punt 26 hawn fuq.

⁹⁸ Il-Premessa 4 tal-GDPR. Ara wkoll l-Opinjoni 3/2012 tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar it-teknoloġiji bijometriċi, p. 8.

kjavi differenti, kemm matul il-ħżin kif ukoll waqt li tiġi trażmessa lis-servers li jwettqu t-tqabbil, fejn imbagħad tiġi dekritata mill-operatur tal-ajruport.

65. Il-passiġġieri jridu jirreġistraw għal kull titjira, f'perjodu qasir qabel it-tluq tagħhom (eż. 48 siegħa). Tali reġistrazzjoni tista' titwettaq jew mill-bogħod jew fit-terminals tal-ajruport f'livell xieraq ta' assigurazzjoni tal-identità (eż. livell ta' assigurazzjoni xieraq tal-eIDAS). Alternattivament, ir-reġistrazzjoni tista' tiegħu l-istess forma kif deskritt fix-Xenarju 1, f'liema każ il-passiġġieri jeħtieġ li jibagħtu d-*data* tagħhom mill-kartieri diġitali tagħhom għas-sistema tal-ajruport fi żmien 48 siegħa qabel it-tluq tagħhom.
66. F'dan ix-xenarju wkoll, il-passiġġieri jippreżentaw lilhom infushom quddiem pod ta' kontroll apposta mgħammar b'kamera. Il-kampjun bijometriku tagħhom imbagħad jintbagħat lil server ċentrali tal-ajruport, li jipprova jgħabbel id-*data* ma' dik tal-bażi tad-*data* bijometrika ċentrali. Għalhekk, il-passiġġier jista' jiġi identifikat u vverifikat jekk huwiex tabilħaqq irreġistrat għal titjira li tkun se titlaq (jew l-imbark tat-titjira f'każ ta' kontroll waqt l-imbark). Skont il-punt ta' kontroll, id-*data* mibgħuta lura lill-kontrollur tal-punt ta' kontroll li jagħmel it-talba tista' tiġi minimizzata, pereżempju bħala "tweġiba ta' iva/le" jew ir-riżultat korrispondenti nnifsu, jekk ikun meħtieġ. F'dan il-każ, ir-riżultat tat-talba biss jiġi trażmess lil kontrollur tal-punt ta' kontroll u jintuża minnu.
67. B'mod partikolari, f'dan ix-xenarju l-passiġġieri jiġu identifikati (tqabbil 1:N), fejn N huwa l-għadd ta' passiġġieri mistenni fl-ajruport f'perjodu ta' żmien ta' diversi jiem. Barra minn hekk, it-tqabbil bijometriku jsir biss meta kull passiġġier jippreżenta lilu nnifsu f'punti ta' kontroll predefiniti fl-ajruport tat-tluq, iżda l-ipproċessar tad-*data* nnifsu jsir f'server ċentrali konness mal-bażi tad-*data* ċentrali. Il-perjodu tal-ħżin f'dan ix-xenarju huwa tipikament ta' 48 siegħa u d-*data* titħassar ladarba l-ajruplan ikun telaq.

Valutazzjoni tal-EDPB

68. Kif imfakkar hawn fuq, l-ipproċessar tad-*data* bijometrika jinvolve riskji akbar għad-drittijiet u għal-libertajiet tas-suġġetti tad-*data*⁹⁹. Għalhekk, kwalunkwe nuqqas fis-sigurtà tad-*data* jista' jkollu konsegwenzi partikolarment severi għas-suġġetti tad-*data*¹⁰⁰. Il-kontrolluri huma obbligati jtaffu dawk ir-riskji b'mod effettiv. Peress li f'dan ix-xenarju l-arkitettura kollha hija kompletament ċentralizzata, il-passiġġieri jitilfu l-kontroll tad-*data* tagħhom aktar. Barra minn hekk, ir-riskju li d-*data* tispiċċa tiġi pproċessata għal skopijiet oħra differenti mill-kontroll tal-fluss tal-passiġġieri jista' wkoll ikun akbar.
69. Fid-dawl tal-prinċipju u tar-rekwiżiti dwar is-sigurtà (l-Artikoli 5(1)(f) u 32 tal-GDPR), jenħtieġ li jiġi kkunsidrat li l-ħżin ta' *data* tal-identità u bijometrika f'bażijiet tad-*data* ċentrali, għalkemm separati, jista' jipprovdi punti ta' attakk ta' valur għoli u ksur tal-kunfidenzjalità ta' tali bażi tad-*data* jista' sussegwentement jinvolve aċċess għas-sett kollu ta' *data*. B'konsegwenza ta' dan, il-ksur possibbli li jikkonċerna l-mudelli ta' rikonossiment tal-wiċċ u l-ID assoċjata jista' jippermetti l-identifikazzjoni mhux awtorizzata jew illegali tas-suġġetti tad-*data* f'ambjenti oħra. Dan jista' wkoll, skont il-metodi użati għall-identifikazzjoni bijometrika, jhedded l-użu sikur ulterjuri tal-mudelli ta' rikonossiment tal-

⁹⁹ Ara l-punt 26 hawn fuq.

¹⁰⁰ Il-Linji Gwida dwar ir-rikonossiment tal-wiċċ, il-Kumitat Konsultattiv tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa għall-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar awtomatiku tad-*data* personali, Ġunju 2021, p. 22.

wiċċ bħala identifikatur. F'dak il-każ, l-effetti tal-ksur ma jistgħux jiġu mitigati, għall-kuntrarju tal-każ ta' tip ieħor ta' kredenzjali (eż. l-ID tal-utent, il-password) li jistgħu jinbidlu¹⁰¹.

70. Barra minn hekk, il-kwantità u l-kwalità għolja ta' *data* tal-identità u bijometrika miżmuma mill-kontrollur jagħmluha mira siewja ħafna għal attakkant, li tinvolvi, f'termini ta' riskju għas-sigurtà, livell ogħla ta' probabbiltà. Barra minn hekk, il-ksur tad-*data* jista' jkollu impatt akbar peress li, minħabba l-ħżin tad-*data* f'post ċentralizzat, jista' jkun aktar faċli għall-attakkanti li jiksbu aċċess għad-*data* personali relatata ma' diversi passiġġieri. Għaldaqstant, ksur possibbli jista' potenzjalment jesponi għadd kbir ta' suġġetti tad-*data* għal riskji għoljin f'termini ta' severità, pereżempju serq tal-identità fuq skala kbira, li huma estremament diffiċli biex jiġu mmitigati.
71. Għaldaqstant, fir-rigward tal-kompatibbiltà mal-Artikolu 5(1)(f) u mal-Artikolu 32 tal-GDPR, il-miżuri previsti fix-Xenarju 3.1¹⁰², b'kont meħud tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, mhumiex biżżejjed biex jiżguraw livell ta' sigurtà xieraq għar-riskju. Fuq din il-bażi, l-ipproċessar skont ix-Xenarju 3.1 ma jikkonformax mal-Artikolu 5(1)(f) u mal-Artikolu 32 tal-GDPR jekk kontrollur jillimita lill-*data* għal daww il-miżuri.
72. Fid-dawl tal-prinċipju tal-Artikolu 5(1)(e) tal-GDPR, f'dan ix-Xenarju, il-perjodu tal-ħżin tad-*data* bijometrika fil-bażi tad-*data* ċentrali huwa tipikament ta' 48 siegħa. Tali limitazzjoni tal-ħżin tidher li tnaqqas b'mod sinifikanti r-riskji assoċjati ma' ksur ta' *data* personali. Madankollu, il-perjodu tal-ħżin tad-*data* ma huwiex fattur deċiżiv, fuq il-mertu tiegħu stess, għall-kompatibbiltà ġenerali tal-arkitettura msemmija, peress li tali perjodi ta' żamma jistgħu jkunu soġġetti għal bidliet mill-kontrolluri. Fi kwalunkwe każ, il-miżuri proposti jeħtieġ li jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-*data* mid-disinn u b'mod awtomatiku skont l-Artikolu 25 tal-GDPR.
73. B'kuntrast max-Xenarji 1 u 2, fejn il-passiġġieri jiġu awtentikati, fix-Xenarju 3.1, il-passiġġieri jiġu identifikati (tqabbil 1:N), fejn N huwa l-għadd ta' passiġġieri mistenni fl-ajruport f'perjodu ta' żmien ta' diversi jiem li jkunu taw il-kunsens tagħhom għal tali pproċessar meta jgħaddu minn punti ta' kontroll speċifiċi fl-ajruport. Dan jimplika t-ftitxija ta' passiġġieri f'bażi ta' *data* ċentrali, billi jiġi pproċessat kull kampjun bijometriku miġbur biex jiġi vverifikat jekk jaqbilx ma' persuna magħrufa mis-sistema. B'kuntrast max-Xenarju 2, fix-Xenarju 3.1, il-kjavi ma jinżammux biss f'idejn il-passiġġieri. Konsegwentement, f'dan ix-xenarju, il-passiġġieri għandhom ferm inqas kontroll fuq id-*data* bijometrika tagħhom. Għaldaqstant, tali pproċessar kif propost fix-Xenarju 3.1 ma jistax ikun kompatibbli mal-protezzjoni tad-*data* mid-disinn u mar-rekwiżiti tad-disinn skont l-Artikolu 25 tal-GDPR.
74. Fid-dawl tal-Artikolu 25 tal-GDPR, il-kontrolluri jenħtieġ li jikkunsidraw it-tipi, il-kategoriji u l-livell ta' dettall tad-*data* personali meħtieġa għall-finijiet tal-ipproċessar¹⁰³. L-għażliet tad-disinn tagħhom jenħtieġ li jqisu r-riskji akbar għall-prinċipji tal-minimizzazzjoni tad-*data*, l-integrità u l-kunfidenzjalità u l-limitazzjoni tal-ħżin meta jinġabru ammonti kbar ta' *data* personali dettaljata, u jqabbluha mat-tnaqqis fir-riskji meta jinġabru ammonti iżgħar u/jew informazzjoni inqas dettaljata dwar is-suġġetti tad-*data*. Fi kwalunkwe każ, l-issettjar prestabbilit ma għandux jinkludi l-għbir ta' *data* personali li ma tkunx meħtieġa għall-iskop speċifiku tal-ipproċessar. Fi kliem ieħor, jekk ċerti kategoriji ta' *data*

¹⁰¹ Ara f'dan ir-rigward, l-Opinjoni A29WP 3/2012 dwar it-teknoloġiji bijometriċi, p. 34.

¹⁰² Kif deskritti fil-punti 64–67 hawn fuq.

¹⁰³ Il-Linji Gwida 4/2019 tal-EDPB dwar il-Protezzjoni tad-Data mid-Disinn u b'Mod Awtomatiku, il-punt 49.

personali mhumiex meħtieġa jew jekk ma tkunx meħtieġa *data* dettaljata minħabba li d-*data* inqas granulari tkun biżżejjed, allura kwalunkwe *data* personali żejda jenħtieġ li ma tinġabarx. F’dan il-każ, jekk implimentazzjoni tal-ipproċessar oħra tista’ tilħaq l-istess objettiv u tkun disponibbli skont it-termini deskritti fix-Xenarju 3.1, mhuwix meħtieġ li tintuża t-teknoloġija tar-rikonoxximent tal-wiċċ.

75. Fir-rigward tal-Artikolu 25 tal-GDPR, il-protezzjoni tad-*data* ewlenija mid-disinn u l-element prestabbilit hija l-awtonomija tas-suġġett tad-*data*. B’mod partikolari, is-suġġett tad-*data* jenħtieġ li jingħata l-ogħla grad ta’ awtonomija possibbli biex jiddetermina l-użu li jsir mid-*data* personali tiegħu, kif ukoll dwar il-kamp ta’ applikazzjoni u l-kundizzjonijiet ta’ dak l-użu jew l-ipproċessar¹⁰⁴. Fix-Xenarju 1, is-suġġett tad-*data* jkollu awtonomija u kontroll fir-rigward tal-użu, id-divulgazzjoni, u t-tħassir tal-mudelli bijometriċi tiegħu u, fix-Xenarju 2, is-suġġett tad-*data* jżomm xi kontroll fir-rigward tad-divulgazzjoni tal-mudell bijometriku tiegħu stess, peress li l-kjavi/is-sigriet tal-kriptaġġ jinħażen f’idejhom. Madankollu, fix-Xenarju 3.1, is-suġġett tad-*data* huwa kompletament dipendenti fuq l-għażliet tal-kontrollur fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data* bijometrika tiegħu u għalhekk ma għandu l-ebda kontroll dirett rigward l-użu tal-mudell bijometriku tiegħu.
76. Fir-rigward tal-kompatibbiltà mal-Artikolu 25 tal-GDPR, u b’mod partikolari sabiex ikun hemm konformità mar-rekwiżit tal-minimizzazzjoni tad-*data*, l-ipproċessar previst fix-Xenarju 3.1 ma jistax jissodisfa l-prinċipju tan-neċessità. Il-Bord iqis li riżultat simili biex jiġi ssimplifikat il-fluss tal-passiġġieri fl-ajruporti jista’ jinkiseb b’mod inqas intrużiv għall-privatezza. Pereżempju, dan jista’ jinkiseb mingħajr l-użu ta’ *data* bijometrika (għalkemm l-esperjenza tal-utent imbagħad tkun differenti, peress li jista’ jieħu aktar żmien biex juri l-karta tal-imbarkazzjoni tiegħu u, fejn meħtieġ, id-dokumenti ta’ identifikazzjoni uffiċjali). Barra minn hekk, soluzzjonijiet oħra, b’mod partikolari dawk li jiddependu fuq il-ħżin tad-*data* bijometrika f’kartiera lokali fuq l-apparat tal-individwu jew dawk li jeħtieġu kriptaġġ tad-*data* bi kjavi speċifika maħżuna fl-apparat tal-individwu, jippermettu li jintlaħqu l-objettivi b’mod inqas intrużiv għall-privatezza.
77. Fir-rigward tal-prinċipju tal-proporzjonalità, l-ipproċessar previst fix-Xenarju 3.1 joħloq riskji għad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* li ma jiġux mitigati mis-salvagwardji previsti minħabba l-ogħla livell ta’ żvilupp tekniku. Ir-riskju ta’ impatt negattiv fuq id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġetti tad-*data* li jistgħu jirriżultaw minn ksur tad-*data* f’bażi tad-*data* ċentralizzata ta’ *data* bijometrika ta’ għadd kbir ta’ individwi jidher li jegħleb il-benefiċċju antiċipat li jirriżulta mill-ipproċessar, peress li tali benefiċċju huwa relattivament żgħir, jiġifieri żieda żgħira fil-konvenjenza u l-veloċità tal-kontrolli. Għaldaqstant, ma jistax jiġġustifika l-intrużività għolja ta’ dawk il-miżuri għad-drittijiet u għall-libertajiet fundamentali tal-individwi u l-ipproċessar previst fix-Xenarju 3.1 ma jissodisfax il-prinċipju tal-proporzjonalità.
78. Fid-dawl ta’ dawn il-kunsiderazzjonijiet, bi tweġiba għall-mistoqsija 2.2.1, il-Bord jikkonkludi li, meta l-ipproċessar isir għall-iskop speċifiku li jiġi ssimplifikat il-fluss tal-passiġġieri fl-ajruporti, l-ipproċessar previst fix-Xenarju 3.1:

- **ma jistax ikun kompatibbli mal-Artikolu 25 tal-GDPR;**

¹⁰⁴ Il-Linji Gwida 4/2019 tal-EDPB dwar il-Protezzjoni tad-*Data* mid-Disinn u b’Mod Awtomatiku, il-punt 70. Il-premessa 7 tal-GDPR tkompli tiċċara li “[i]-persuni fiżiċi għandu jkollhom il-kontroll tad-*data* personali tagħhom”.

- **ma jikkonformax mal-Artikolu 5(1)(f) u mal-Artikolu 32 tal-GDPR** jekk kontrollur jillimita lilu nnifsu għall-miżuri kif deskritti fix-Xenarju 3.1.

3.2.3.2 Xenarju 3.2: ħżin ċentralizzati fi cloud, taħt il-kontroll tal-kumpanija tal-ajru

Deskrizzjoni tax-Xenarju

79. Fix-xenarju 3.2, il-mudell bijometriku rreġistrat tal-passiġġieri jinħażen fil-cloud, taħt il-kontroll tal-kumpanija tal-ajru jew tal-fornitur tas-servizz tal-cloud tagħha (proċessur tad-*data*). Fit-Talba, huwa speċifikat li l-fornitur tas-servizz tal-cloud ikun jinsab fiż-ŻEE¹⁰⁵. F'dan il-każ, id-*data* tal-passiġġieri tiġi kriptata, iżda dekrriptata meta tintuża (pereżempju, meta titwettaq l-operazzjoni ta' tqabbil), u l-kjavi jiġu kkontrollati mill-kumpanija tal-ajru jew mill-proċessur tal-cloud tagħha. Id-*data* bijometrika tal-passiġġieri tintuża għall-identifikazzjoni tal-passiġġieri (tqabbil 1:N), fejn N hija potenzjalment sal-għadd totali tal-klijenti tal-kumpanija tal-ajru¹⁰⁶.
80. B'mod simili għax-Xenarji 1, 2 u 3.1, hawnhekk ukoll il-passiġġieri l-ewwel iridu jirreġistraw. Madankollu, fix-Xenarju 3.2, ir-reġistrazzjoni tal-passiġġieri ssir darba, dment li l-klijent ikollu kont mal-kumpanija tal-ajru. Ir-reġistrazzjoni ssir jew f'modalità remota f'livell xieraq ta' assigurazzjoni tal-identità (eż. livell xieraq ta' assigurazzjoni tal-eIDAS) jew fit-terminals tal-ajruporti. It-tqabbil bijometriku jsir biss meta l-passiġġieri jippreżentaw lilhom infushom f'punti ta' kontroll predefiniti fl-ajruport, iżda l-ipproċessar tad-*data* nnifsu jsir fil-cloud.
81. Fl-ajruport, il-passiġġieri jgħaddu minn pod ta' kontroll apposta, mgħammra b'kamera. Id-*data* bijometrika tal-passiġġieri tintbagħat permezz ta' talba lil server tal-cloud tal-linji tal-ajru, fejn it-tqabbil ta' din id-*data* jitwettaq mal-bażi tad-*data* ċentrali. Għalhekk, il-passiġġier jista' jiġi identifikat u vverifikat jekk huwiex tabilħaqq irreġistrat għal titjira li se titlaq (jew l-imbark tat-titjira fil-każ ta' kontroll waqt l-imbark).
82. Potenzjalment, ir-riżultati tat-tqabbil jistgħu jsiru disponibbli għal diversi operaturi tal-ajruporti fejn kumpanija tal-ajru jkollha terminal iddedikat jew aċċess għall-infrastruttura tas-sistema komuni tal-informazzjoni ta' ajruport. Skont il-punt ta' kontroll, id-*data* mibgħuta lura lill-kontrollur tal-punt ta' kontroll li jagħmel it-talba tista' tiġi minimizzata, pereżempju bħala "tweġiba ta' iva/le" jew ir-riżultat korrispondenti nnifsu, jekk ikun meħtieġ. F'dan il-każ, ir-riżultat tat-talba biss huwa magħruf u użat mill-kontrollur tal-punt ta' kontroll.
83. Il-perjodu tal-ħżin tal-mudell huwa definit mill-kumpanija tal-linja tal-ajru u jista' potenzjalment idum sakemm il-klijent ikollu kont mal-kumpanija tal-linja tal-ajru.

Valutazzjoni tal-EDPB

84. Il-kunsiderazzjonijiet diġà espressi mill-Bord fir-rigward tax-Xenarju 3.1¹⁰⁷ japplikaw ukoll għal dan ix-Xenarju.
85. Fir-rigward tal-prinċipju u tar-rekwiżiti dwar is-sigurtà (l-Artikoli 5(1)(f) u 32 tal-GDPR), l-ipproċessar fix-Xenarju 3.2 isir fil-cloud u diversi entitajiet jista' jkollhom aċċess għal tali *data*, inklużi possibbilment

¹⁰⁵ L-AS Franċiża ċċarat li dan huwa illustrattiv u li l-fornituri tas-servizzi tal-cloud li ma jinsabux fiż-ŻEE jistgħu jiġu previsti wkoll. Barra minn hekk, jistgħu jiġu previsti wkoll soluzzjonijiet oħra ta' ħżin (eż. mingħajr l-użu tal-cloud).

¹⁰⁶ L-AS Franċiża ċċarat li dan huwa illustrattiv u hemm soluzzjoni fejn id-*data* bijometrika tintbagħat kull darba qabel it-titjira.

¹⁰⁷ Punti 68–77 hawn fuq.

il-fornituri mhux taż-ŻEE, anki meta d-*data* tinżamm fiż-ŻEE¹⁰⁸. Tali arkitettura tinvolvi riskji potenzjali li jikkonċernaw it-trasferimenti ta' *data* personali lil pajjiżi terzi. Barra minn hekk, għalkemm id-*data* tal-passiġġieri hija kriptata, din tiġi decriptata meta tintuża (jiġifieri meta titwettagħ l-operazzjoni ta' tqabbil), filwaqt li l-kjavi huma kkontrollati mill-kumpanija tal-ajru jew mill-proċessur tal-cloud tagħha. Tali ħżin jista' jwassal għal żieda ulterjuri fis-superfiċje tal-esponiment għas-sigurtà.

86. Għaldaqstant, rigward il-kompatibbiltà mal-Artikolu 5(1)(f) u mal-Artikolu 32 tal-GDPR, b'kont meħud tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, il-miżuri previsti fix-Xenarju 3.2¹⁰⁹, mhumiex biżżejjed biex jiżguraw livell ta' sigurtà xieraq għar-riskju. Fuq din il-bażi, l-ipproċessar skont ix-Xenarju 3.2 ma jikkonformax mal-Artikolu 5(1)(f) u mal-Artikolu 32 tal-GDPR jekk kontrollur jillimita lilu nnifsu għal dawk il-miżuri.
87. Barra minn hekk, skont ix-Xenarju 3.2¹¹⁰, id-*data* tista' tinħażen għal perjodu sinifikanti (jiġifieri potenzjalment iddum sakemm is-suġġett tad-*data* jkollu kont mal-kumpanija tal-ajru). Tali tul ta' żmien tal-ħżin jesponi d-*data* għal riskji ogħla ta' ksur għall-kunfidenzjalità u għall-integrità tagħha u jidher li jmur lil hinn minn dak li huwa strettament meħtieġ u proporzjonat għall-finijiet tal-ipproċessar. Il-Bord jinnota li l-perjodu tal-ħżin tad-*data* ma huwiex fattur deċiżiv, fuq il-mertu tiegħu stess, għall-kompatibbiltà ġenerali mal-GDPR tal-imsemmija arkitettura, peress li jista' jkun soġġett għal bidliet mill-kontrolluri tad-*data*. Madankollu, abbażi tal-informazzjoni disponibbli għall-Bord u li tinsab fid-deskrizzjoni tax-Xenarju 3.2, ma hemmx ġustifikazzjoni suffiċjenti għal dan il-perjodu twil ta' żamma u l-ebda miżura apparenti biex jittaffew ir-riskji għall-individwi. Abbażi ta' dan, il-perjodu ta' ħżin propost ma jkunx limitat għal dak li huwa meħtieġ, skont il-prinċipju tal-limitazzjoni tal-ħżin fl-Artikolu 5(1)(e) tal-GDPR.
88. Fi kwalunkwe każ, il-miżuri proposti fix-Xenarju 3.2 ma jistgħux jissodisfaw il-protezzjoni tad-*data* mid-disinn u r-rekwiżiti tad-disinn tal-Artikolu 25 tal-GDPR. Fix-xenarju 3.2, il-mudelli bijometriċi rreġistrati tal-passiġġieri jinħażnu fil-cloud, taħt il-kontroll tal-kumpanija tal-ajru jew tal-fornitur tas-servizz tal-cloud tagħha (proċessur tad-*data*). Kif deskritt hawn fuq, diversi entitajiet jista' potenzjalment ikollhom aċċess għal din id-*data*. Barra minn hekk, id-*data* bijometrika tal-passiġġieri tintuża għall-identifikazzjoni tal-passiġġieri (tqabbil 1:N), fejn N potenzjalment hija sal-għadd ta' utenti/klijenti totali tal-kumpanija tal-ajru. Tali metodu jinvolvi s-sejba ta' persuna fost grupp ta' individwi fil-bażi tad-*data* ċentrali, billi kull wiċċ maqbud jiġi pproċessat biex jiġi vverifikat jekk jaqbilx ma' persuna magħrufa mis-sistema. B'kuntrast max-Xenarju 3.1, fix-Xenarju 3.2 it-tqabbil jista' jsir fuq skala ħafna akbar, peress li l-kriterju hawnhekk huwa n-numru ta' klijenti totali tal-kumpanija tal-ajru, filwaqt li x-Xenarju 3.1 inkluda biss l-għadd ta' passiġġieri mistenni f'perjodu ta' żmien ta' diversi jiem.
89. Barra minn hekk, fir-rigward tal-kompatibbiltà mal-Artikolu 25 tal-GDPR, u b'mod partikolari sabiex ikun hemm konformità mar-rekwiżit tal-minimizzazzjoni tad-*data*, l-ipproċessar previst fix-Xenarju 3.2 ma jistax jissodisfa l-prinċipju tan-neċessità. Il-Bord iqis li jista' jinkiseb riżultat simili biex jiġi ssimplifikat il-fluss tal-passiġġieri fl-ajruporti permezz ta' miżuri oħra inqas intrużivi, pereżempju mingħajr l-użu ta' *data* bijometrika, għalkemm l-esperjenza tal-utent imbagħad tkun differenti peress li jista' jieħu aktar żmien biex juri l-karta tal-identità u l-karta tal-imbarkazzjoni tiegħu. Barra minn hekk, soluzzjonijiet oħra, b'mod partikolari dawk li jiddependu fuq il-ħżin tad-*data* bijometrika

¹⁰⁸ EDPB 2022 Azzjoni ta' Infurzar Koordinata dwar l-użu ta' servizzi bbażati fuq il-cloud mis-settur pubbliku tas-17 ta' Jannar 2023, p. 19.

¹⁰⁹ Ara l-punti 79–83 hawn fuq.

¹¹⁰ Ara l-punt 83 hawn fuq.

f'kartiera lokali fuq l-apparat tal-individwu jew dawk li jeħtieġu kriptaġġ tad-*data* bi kjavi speċifika maħżuna fl-apparat tal-individwu, jippermettu lill-kontrollur jilħaq l-oġġettivi b'mod inqas intrużiv għall-privatezza.

90. Fir-rigward tal-prinċipju tal-proporzjonalità, l-ipproċessar previst fix-Xenarju 3.2 joħloq riskji għad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* li ma jiġux mitigati mis-salvagwardji previsti. L-impatt negattiv fuq id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġetti tad-*data* li jirriżultaw minn ksur tad-*data* f'bażi tad-*data* ċentralizzata ta' *data* bijometrika ta' għadd kbir ta' individwi maħżuna fil-cloud jidher li jegħleb il-benefiċċju antiċipat li jirriżulta mill-ipproċessar, peress li tali benefiċċju huwa relattivament żgħir, jiġifieri żieda żgħira fil-konvenjenza u fil-veloċità tal-kontrolli. Għaldaqstant, huwa ma jistax jiġġustifika l-intrużività għolja ta' dawk il-miżuri għad-drittijiet u għal-libertajiet fundamentali tal-individwi u l-ipproċessar previst fix-Xenarju 3.2 ma jistax jitqies proporzjonat.
91. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, bi tweġiba għall-mistoqsija 2.3.1, il-Bord jikkonkludi li, meta l-ipproċessar isir għall-iskop speċifiku li jiġi ssimplifikat il-fluss tal-passiġġieri fl-ajruporti, l-ipproċessar previst fix-Xenarju 3.2:
- **ma jistax ikun kompatibbli mal-Artikolu 25 tal-GDPR;**
 - **ma jikkonformax mal-Artikolu 5(1)(f) u mal-Artikolu 32 tal-GDPR** jekk kontrollur jillimita lill-nnifsu għall-miżuri kif deskritti fix-Xenarju 3.2;
 - **ma jikkonformax mal-Artikolu 5(1)(e) tal-GDPR**, peress li ma hemmx ġustifikazzjoni suffiċjenti għall-perjodu ta' żamma previst fix-Xenarju 3.2, abbażi tal-informazzjoni disponibbli għall-Bord. Sabiex ikun hemm konformità mal-prinċipju tal-limitazzjoni tal-ħżin fl-Artikolu 5(1)(e) tal-GDPR, il-kontrollur ikollu bżonn juri li d-*data* personali tinħażen għal mhux aktar milli jkun meħtieġ għall-finijiet li għalihom tiġi pproċessata.

4 KONKLUŻIONIJET

92. Fir-rigward tal-mistoqsija 1.1, abbażi tat-talba għal opinjoni mill-AS Franċiża, fir-rigward tar-rekwiżiti tal-Artikoli 5(1)(f), 25 u 32 tal-GDPR, u abbażi tal-analiżi ta' hawn fuq, il-Bord jikkonkludi li:
93. L-użu tat-teknoloġija tar-rikonoxximent tal-wiċċ għall-awtentikazzjoni bl-użu tal-bijometrika, għall-iskop speċifiku tas-simplifikazzjoni tal-fluss tal-passiġġieri fl-ajruporti (il-punti ta' kontroll tas-sigurtà, il-post fejn jiħallew il-bagalji, l-imbark u l-aċċess għas-sala tal-passiġġieri) jista' jitqies bħala kompatibbli fil-prinċipju mal-prinċipji tal-integrità u tal-kunfidenzjalità skont l-Artikolu 5(1)(f), l-Artikoli 25 u 32 tal-GDPR, fil-każ ta' arkitettura tal-ħżin, fejn il-mudell bijometriku rreġistrat ta' kull passiġġier jinħażen lokalment fuq l-apparat individwali tiegħu u taħt il-kontroll tiegħu biss, jekk ikun soġġett għal salvagwardji xierqa kif deskritt fil-punt 46 hawn fuq.
94. Fir-rigward tal-mistoqsija 2.1.1, abbażi tat-talba għal opinjoni mill-AS Franċiża, fir-rigward tar-rekwiżiti tal-Artikoli 5(1)(e) u (f), u tal-Artikoli 25 u 32 tal-GDPR, u abbażi tal-analiżi ta' hawn fuq, il-Bord jikkonkludi li:
95. L-użu tat-teknoloġija tar-rikonoxximent tal-wiċċ għall-awtentikazzjoni bl-użu tal-bijometrika, għall-iskop speċifiku tas-simplifikazzjoni tal-fluss tal-passiġġieri fl-ajruporti (il-punti ta' kontroll tas-sigurtà, il-post fejn jiħallew il-bagalji, l-imbark u l-aċċess għas-sala tal-passiġġieri) jista' jitqies bħala kompatibbli fil-prinċipju mal-prinċipju tal-limitazzjoni tal-ħżin skont l-Artikolu 5(1)(e) u l-prinċipji tal-integrità u l-kunfidenzjalità skont l-Artikolu 5(1)(f), u l-Artikoli 25 u 32 tal-GDPR fil-każ ta' arkitettura tal-ħżin ċentralizzata, fejn il-mudell bijometriku rreġistrat ta' kull passiġġier jinħażen f'bażi tad-*data*

ċentrali fl-ajruport, taħt il-kontroll tal-operatur tal-ajruport, f'forma kriptata, bi kjavi/b'sigriet miżmum biss f'idejn l-individwu, jekk ikun soġġett għal salvagwardji xierqa kif deskritt fil-punt 60 hawn fuq.

96. Fir-rigward tal-mistoqsija 2.2.1, abbażi tat-talba għal opinjoni mill-AS Franċiża fir-rigward tar-rekwiżiti tal-Artikolu 5(1)(e) u (f), u tal-Artikoli 25 u 32 tal-GDPR u abbażi tal-analiżi ta' hawn fuq, il-Bord jikkonkludi li:
97. L-użu tat-teknoloġija tar-rikonoxximent tal-wiċċ għall-identifikazzjoni permezz tal-bijometrika, użata għall-iskop speċifiku tas-simplifikazzjoni tal-fluss tal-passiġġieri fl-ajruporti (il-punti ta' kontroll tas-sigurtà, il-post fejn jitħallew il-bagalji, l-imbark u l-aċċess għas-sala tal-passiġġieri) fil-każ ta' arkitettura tal-ħżin ċentralizzata, meta l-mudelli bijometriċi rreġistrati tal-passiġġieri ma jkunux kriptati bi kjavi/b'sigriet miżmum biss f'idejn kull passiġġier, meta tali mudelli jinħażnu f'bażi tad-*data* fl-ajruport (taħt il-kontroll tal-operatur tal-ajruport), ma jistax ikun kompatibbli mal-Artikolu 25 tal-GDPR. Barra minn hekk, tali pproċessar ma jikkonformax mal-prinċipju tal-integrità u tal-kunfidenzjalità skont l-Artikolu 5(1)(f) u l-Artikolu 32 tal-GDPR, jekk kontrollur jillimita lill-nifsu għall-miżuri kif deskritti fix-Xenarju 3.1.
98. Fir-rigward tal-mistoqsija 2.3.1, abbażi tat-talba għal opinjoni mill-AS Franċiża fir-rigward tar-rekwiżiti tal-Artikolu 5(1)(e) u (f), u tal-Artikoli 25 u 32 tal-GDPR u abbażi tal-analiżi ta' hawn fuq, il-Bord jikkonkludi li:
99. L-użu tat-teknoloġija tar-rikonoxximent tal-wiċċ għall-identifikazzjoni permezz tal-bijometrika, użata għall-iskop speċifiku tas-simplifikazzjoni tal-fluss tal-passiġġieri fl-ajruporti (il-punti ta' kontroll tas-sigurtà, il-post fejn jitħallew il-bagalji, l-imbark u l-aċċess għas-sala tal-passiġġieri) fil-każ ta' arkitettura tal-ħżin ċentralizzata, meta l-mudelli bijometriċi rreġistrati tal-passiġġieri ma jkunux kriptati bi kjavi/b'sigriet miżmum biss f'idejn kull passiġġier, fejn tali mudelli jinħażnu fil-cloud (taħt il-kontroll tal-kumpanija tal-ajru) ma jistax ikun kompatibbli mal-Artikolu 25 tal-GDPR. Barra minn hekk, tali pproċessar ma jikkonformax mal-prinċipji tal-integrità u tal-kunfidenzjalità skont l-Artikolu 5(1)(f) u l-Artikolu 32 tal-GDPR, jekk kontrollur jillimita lill-nifsu għall-miżuri kif deskritti fix-Xenarju 3.2. Fl-aħħar nett, abbażi tad-deskrizzjoni tax-Xenarju 3.2 u tal-informazzjoni disponibbli għall-Bord, l-iproċessar ma jikkonformax mal-prinċipju tal-limitazzjoni tal-ħżin skont l-Artikolu 5(1)(e) tal-GDPR.

Għall-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*

Il-President

(Anu Talus)